Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0347(COD)**

**14217/22**
**ADD 1**

**ENV 1087**
**ENER 549**
**IND 437**
**TRANS 673**
**ENT 151**
**SAN 579**
**AGRI 594**
**CODEC 1659**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' Ottubru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 542 final - ANNEXES 1 to 11 |
| Suġġett: | ANNESSI tal- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 542 final - ANNEXES 1 to 11.

---

Mehmuż: COM(2022) 542 final - ANNEXES 1 to 11

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 542 final

ANNEXES 1 to 11

# ANNESSI

**tal-**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)**

{SEC(2022) 542 final} - {SWD(2022) 345 final} - {SWD(2022) 542 final} - {SWD(2022) 545 final}

MT MT

⇩ ġdid

# ANNESS I

## STANDARDS TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

TAQSIMA 1 – VALURI TA' LIMITU GĦALL-PROTEZZJONI TAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM

*Tabella 1 – Valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem li għandhom jinkisbu sal-1 ta' Jannar 2030*

| **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Valur ta' limitu** | |
|---|---|---|
| **$PM_{2.5}$** | | |
| Ġurnata | 25 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 10 µg/m³ | |
| **$PM_{10}$** | | |
| Ġurnata | 45 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 20 µg/m$^3$ | |
| **Diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$)** | | |
| Siegħa | 200 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ġurnata | 50 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 20 µg/m$^3$ | |
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | | |
| Siegħa | 350 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ġurnata | 50 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 20 µg/m$^3$ | |
| **Benżen** | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sena kalendarja | 3,4 µg/m$^3$ | |
| **Monossidu tal-karbonju (CO)** | | |
| medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat [(1)] | 10 mg/m$^3$ | |
| Ġurnata | 4 mg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| **Ċomb (Pb)** | | |
| Sena kalendarja | 0,5 µg/m$^3$ | |
| **Arseniku (As)** | | |
| Sena kalendarja | 6,0 ng/m$^3$ | |
| **Kadmju (Cd)** | | |
| Sena kalendarja | 5,0 ng/m$^3$ | |
| **Nikil (Ni)** | | |
| Sena kalendarja | 20 ng/m$^3$ | |
| **Benżo[a]piren** | | |
| Sena kalendarja | 1,0 ng/m$^3$ | |

(1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat se tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sigħat, ikkalkolati minn *data* ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sigħat ikkalkulata b'dan il-mod se tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispiċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 ta' dik il-ġurnata.

*Tabella 2 – Valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem li għandhom jinkisbu sa [DAĦĦAL L-ISKADENZA TAT-TRASPOŻIZZJONI]*

| **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Valur ta' limitu** |
|---|---|
| **$PM_{2.5}$** | |
| Sena kalendarja | 25 µg/m$^3$ |
| **$PM_{10}$** | |

MT



MT

| | | |
|---|---|---|
| Ġurnata | 50 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 40 µg/m$^3$ | |
| **Diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$)** | | |
| Siegħa | 200 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 40 µg/m$^3$ | |
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | | |
| Siegħa | 350 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn 24 darba f'sena kalendarja |
| Ġurnata | 125 µg/m$^3$ | ma għandux jinqabeż aktar minn tliet darbiet f'sena kalendarja |
| **Benżen** | | |
| Sena kalendarja | 5 µg/m$^3$ | |
| **Monossidu tal-karbonju (CO)** | | |
| medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat (1) | 10 mg/m$^3$ | |
| **Ċomb (Pb)** | | |
| Sena kalendarja | 0,5 µg/m$^3$ | |
| **Arseniku (As)** | | |
| Sena kalendarja | 6,0 ng/m$^3$ | |
| **Kadmju (Cd)** | | |
| Sena kalendarja | 5,0 ng/m$^3$ | |
| **Nikil (Ni)** | | |
| Sena kalendarja | 20 ng/m$^3$ | |
| **Benżo[a]piren** | | |
| Sena kalendarja | 1,0 ng/m$^3$ | |

(1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat se tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sigħat, ikkalkolati minn *data* ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sigħat ikkalkulata b'dan il-mod se tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispiċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta'

kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta’ qabel u s-1.00 ta’ dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta’ kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 ta’ dik il-ġurnata.

TAQSIMA 2 – VALURI FIL-MIRA GĦALL-OŻONU U OBJETTIVI FIT-TUL GĦAŻ-ŻONA

**A. Definizzjonijiet u kriterji**

L-"esponiment għall-Ożonu Akkumulat fuq Livell limitu ta' 40 parti fil-biljun" (AOT40), espress f'"($\mu g/m^3$) × sigħat" tfisser is-somma tad-differenza bejn il-konċentrazzjonijiet fis-siegħa ogħla minn 80 $\mu g/m^3$ (= 40 parti fil-biljun) u 80 $\mu g/m^3$ fuq perjodu stipulat, bl-użu biss tal-valuri fis-siegħa mkejla bejn it-8.00 u t-20.00, Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET) kuljum.

**B. B. Valuri fil-mira għall-ożonu**

| **Objettiv** | **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Valur fil-mira** | |
|---|---|---|---|
| Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat (1) | 120 $\mu g/m^3$ | ma għandux jinqabeż f'aktar minn 18-il ġurnata kalendarja fis-sena kalendarja fuq medja ta' 3 snin (2) |
| Protezzjoni tal-ambjent | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis-siegħa) | 18 000 $\mu g/m^3$ × h fuq medja ta' 5 snin (2) |

(1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat għandha tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sigħat, ikkalkolati minn *data* ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sigħat ikkalkulata b'dan il-mod għandha tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispiċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 tal-ġurnata.

(2) Jekk il-medji fuq 3 jew 5 snin ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta' sett sħiħ u konsekuttiv ta' *data* annwali, id-*data* annwali minima meħtieġa għall-verifika tal-konformità mal-valuri fil-mira tkun kif ġej:
- fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem: id-*data* valida għal sena,
- fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni: id-*data* valida għal 3 snin.

C. **Objettivi fit-tul għall-ożonu ($O_3$)**

| **Objettiv** | **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Objettiv fit-tul** | |
|---|---|---|---|
| Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat f'sena kalendarja | 100 $\mu g/m^3$ (1) | |
| Protezzjoni tal-veġetazzjoni | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis- | 6 000 $\mu g/m^3$ × h |

| | | |
|---|---|---|
| | | siegħa) |

(1) id-99 perċentil (jiġifieri tlett ijiem fejn ikun hemm qbiż fis-sena).

TAQSIMA 3 – LIVELLI KRITIĊI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-VEĠETAZZJONI U TAL-EKOSISTEMI NATURALI

| **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Livell kritiku** |
|---|---|
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | |
| Sena kalendarja u x-xitwa (mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu) | 20 µg/$m^3$ |
| **Ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$)** | |
| Sena kalendarja | 30 µg/$m^3$ $NO_x$ |

TAQSIMA 4 – LIVELLI LIMITI TA' ALLERT U TA' INFORMAZZJONI

**A. Livelli limiti ta' allert għal sustanzi niġġiesa minbarra l-ożonu**

Għandhom jitkejlu fuq medda ta' 3 sigħat konsekuttivi fil-każ tad-diossidu tal-kubrit u tad-diossidu tan-nitroġenu, u fuq tlett ijiem konsekuttivi għall-$PM_{10}$ u l-$PM_{2.5}$, fil-postijiet rappreżentattivi tal-kwalità tal-arja fuq tal-inqas 100 $km^2$ jew żona sħiħa, skont liem tkun l-iżgħar.

| **Sustanza niġġiesa** | **Livell limitu ta' allert** |
|---|---|
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | 500 µg/$m^3$ |
| **Diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$)** | 400 µg/$m^3$ |
| **$PM_{2.5}$** | 50 µg/$m^3$ |
| **$PM_{10}$** | 90 µg/$m^3$ |

**B. Livelli limiti ta' informazzjoni u ta' allert għall-ożonu**

| **Skop** | **Perjodu li fuqu tinħadem il-medja** | **Livell limitu** |
|---|---|---|
| Informazzjoni | Siegħa | 180 µg/$m^3$ |
| Allert | Siegħa (1) | 240 µg/$m^3$ |

(1) Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 20, il-qbiż tal-livell limitu għandu jitkejjel jew jiġi previst għal 3 sigħat konsekuttivi.

TAQSIMA 5 – OBBLIGU TAT-TNAQQIS TAL-ESPONIMENT MEDJU GĦALL-PM $_{2.5}$ U L-$NO_2$

**A. Indikatur tal-esponiment medju**

L-Indikatur tal-Esponiment Medju espress f'µg/m$^3$ (AEI) għandu jkun ibbażat fuq il-kejl meħud f'postijiet bi sfond urban f'unitajiet territorjali fil-livell tan-NUTS 1 madwar it-territorju kollu ta' Stat Membru. Għandha tiġi vvalutata bħala medja kontinwa tal-konċentrazzjoni annwali fuq medda ta' 3 snin kalendarji maħduma fuq il-punti ta' kampjunar kollha tas-sustanza niġġiesa rilevanti stabbilita skont il-Punt B tal-Anness III f'kull unità territorjali tan-NUTS 1. L-AEI għal sena partikolari għandu jkun il-konċentrazzjoni medja ta' dik l-istess sena u s-sentejn preċedenti.

Meta l-Istati Membri jidentifikaw qabżiet attribwibbli għas-sorsi naturali, il-kontributi mis-sorsi naturali għandhom jitnaqqsu qabel ma jiġi kkalkulat l-AEI.

L-AEI jintuża biex jiġi eżaminat jekk jintlaħaqx l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju nazzjonali.

**B. Obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju**

Mill-2030, l-AEI ma għandux jaqbeż livell li huwa:

– għall-$PM_{2.5}$, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI 10 snin qabel, dment li mhux diġà daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għall-$PM_{2.5}$ definit fit-Taqsima C.

– għall-$NO_2$, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI 10 snin qabel, dment li mhux diġà daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għall-$NO_2$ definit fit-Taqsima C.

**C. Objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju**

L-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għandu jkun il-livell ta' AEI li ġej.

| **Sustanza niġġiesa** | **Objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju** |
|---|---|
| **$PM_{2.5}$** | AEI = 5 µg/m$^3$ |
| **$NO_2$** | AEI = 10 µg/m$^3$ |

## ANNESS II

## LIVELLI LIMITI TAL-VALUTAZZJONI

TAQSIMA 1 – LIVELLI LIMITI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAS-SAĦĦA

| **Sustanza niġġiesa** | **Livell limitu ta' valutazzjoni (medja annwali, dment li ma jkunx speċifikat)** |
|---|---|
| **$PM_{2.5}$** | 5 µg/$m^3$ |
| **$PM_{10}$** | 15 µg/$m^3$ |
| **Diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$)** | 10 µg/$m^3$ |
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | 40 µg/$m^3$ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| **Benżen** | 1,7 µg/$m^3$ |
| **Monossidu tal-karbonju (CO)** | 4 mg/$m^3$ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| **Ċomb (Pb)** | 0,25 µg/$m^3$ |
| **Arseniku (As)** | 3,0 ng/$m^3$ |
| **Kadmju (Cd)** | 2,5 ng/$m^3$ |
| **Nikil (Ni)** | 10 ng/$m^3$ |
| **Benżo[a]piren** | 0,12 ng/$m^3$ |
| **Ożonu ($O_3$)** | 100 µg/$m^3$ (medja massima ta' 8 sigħat)(1) |

(1) id-99 perċentil (jiġifieri tlett ijiem fejn ikun hemm qbiż fis-sena).

TAQSIMA 2 – LIVELLI LIMITI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-VEĠETAZZJONI U TAL-EKOSISTEMI NATURALI

| **Sustanza niġġiesa** | **Livell limitu ta' valutazzjoni (medja annwali, dment li ma jkunx speċifikat)** |
|---|---|
| **Diossidu tal-kubrit ($SO_2$)** | 8 µg/$m^3$(medja bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Marzu) |
| **Ossidi tan-nitroġenu (NOx)** | 19,5 µg/$m^3$ |

## ANNESS III

## NUMRI MINIMI TA’ PUNTI TA’ KAMPJUNAR GĦALL-KEJL FISS

**A. Numru minimu ta’ punti ta’ kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta’ limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, għall-valuri fil-mira għall-ożonu, għall-objettivi fit-tul, għal-livelli limiti ta’ informazzjoni u għal-livelli limiti ta’ allert**

*1. Sorsi mxerrda*

*Tabella 1 - In-numru minimu ta’ punti ta’ kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta’ limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u għal-livelli limiti ta’ allert f’żoni fejn il-kejl fiss ikun l-uniku sors ta’ informazzjoni (għas-sustanzi niġġiesa kollha minbarra l-ożonu)*

| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta’ punti ta’ kampjunar jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-livell limitu tal-valutazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | $NO_2$, $SO_2$, CO, benżen | Somma tal-PM (1) | PM Minimu$_{10}$ | PM Minimu$_{2.5}$ | Pb, Cd, As, Ni fil-$PM_{10}$ | Benżo[a] piren fil-$PM_{10}$ |
| 0 - 249 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 000 - 1 499 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 500 - 1 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 2 |
| 2 000 - 2 749 | 6 | 8 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| 2 750 - 3 749 | 7 | 10 | 4 | 4 | 2 | 3 |
| 3 750 - 4 749 | 8 | 11 | 4 | 4 | 3 | 4 |
| 4 750 - 5 999 | 9 | 13 | 5 | 5 | 4 | 5 |
| 6 000+ | 10 | 15 | 5 | 5 | 5 | 5 |

(1) In-numru ta’ punti ta’ kampjunar tal-$PM_{2.5}$ u l-$NO_2$ fil-postijiet bi sfond urban taż-żoni urbani għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

*Tabella 2 - In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri fil-mira għall-ożonu, l-objettivi fit-tul u l-livelli limiti ta' informazzjoni u ta' allert fejn tali kejl ikun l-uniku sors ta' informazzjoni (għall-ożonu biss)*

| **Popolazzjoni (eluf)** | **Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 %(1)** |
|---|---|
| < 250 | 1 |
| < 500 | 2 |
| < 1 000 | 2 |
| < 1 500 | 3 |
| < 2 000 | 4 |
| < 2 750 | 5 |
| < 3 750 | 6 |
| ≥ 3 750 | Punt ta' kampjunar addizzjonali għal kull żewġ miljun abitant |

(1) Mill-anqas punt ta' kampjunar wieħed f'żoni fejn ikun probabbli li jseħħ l-esponiment tal-popolazzjoni għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu. Fl-agglomerazzjonijiet, mill-inqas 50 % tal-punti ta' kampjunar għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

*Tabella 3 - In-numru minimu ta' postijiet ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-livelli limiti ta' allert f'żoni fejn japplika tnaqqis ta' 50 % ta' tali kejl (għas-sustanzi niġġiesa kollha minbarra l-ożonu)*

| **Popolazzjoni taż-żona (eluf)** | **Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 %** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **$NO_2$, $SO_2$, CO, benżen** | **Somma tal-PM (1)** | **$PM_{10}$ Minimu** | **$PM_{2.5}$ Minimu** | **Pb, Cd, As, Ni fil-$PM_{10}$** | **Benżo[a] piren fil-$PM_{10}$** |
| 0 - 249 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 000 - 1 499 | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 500 - 1 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 2 000 - 2 749 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 2 750 - 3 749 | 4 | 5 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 3 750 - 4 749 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 4 750 - 5 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| 6 000+ | 5 | 8 | 3 | 3 | 3 | 3 |

(1) In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-$PM_{2.5}$ u l-$NO_2$ fil-postijiet bi sfond urban taż-żoni urbani għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

*Tabella 4 - In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri fil-mira għall-ożonu, l-objettivi fit-tul u l-livelli limiti ta' informazzjoni u ta' allert f'żoni fejn japplika tnaqqis ta' 50 % ta' tali kejl (għall-ożonu biss)*

| **Popolazzjoni taż-żona (eluf)** | **Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 %(1)** |
|---|---|
| < 250 | 1 |
| < 500 | 1 |
| < 1 000 | 1 |
| < 1 500 | 2 |
| < 2 000 | 2 |
| < 2 750 | 3 |
| < 3 750 | 3 |
| ≥ 3 750 | Punt ta' kampjunar addizzjonali għal kull erba' miljun abitant |

(1) Mill-anqas punt ta' kampjunar wieħed f'żoni fejn ikun probabbli li jseħħ l-esponiment tal-popolazzjoni għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu. Fl-agglomerazzjonijiet, mill-inqas 50 % tal-punti ta' kampjunar għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

Għal kull żona, in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss stabbilit fit-tabelli f'dan il-punt għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar ta' post fl-isfond u punt ta' kampjunar wieħed fiż-żona bl-ogħla konċentrazzjonijiet skont il-Punt B, tal-Anness IV sakemm dan ma jżidx in-numru ta' punti ta' kampjunar. Għad-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, il-benżen u l-monossidu tal-karbonju, dan għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed iffukat fuq il-kejl tal-kontribut mill-emissjonijiet tat-trasport. Madankollu, fil-każijiet fejn ikun meħtieġ punt ta' kampjunar wieħed biss, dan għandu jkun fiż-żona bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni x'aktarx tkun esposta direttament jew indirettament.

Għal kull żona, fir-rigward tad-diossidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata, tal-benżen u tal-monossidu tal-karbonju, in-numru totali ta' punti ta' kampjunar bi sfond urban u n-numru totali ta' punti ta' kampjunar fejn ikun hemm l-ogħla konċentrazzjonijiet meħtieġa ma għandhomx ivarjaw b'aktar minn fattur ta' 2. In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-$PM_{2.5}$ u tad-diossidu tan-nitroġenu fil-postijiet bi sfond urban għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

*2. Sorsi lokalizzati*

Għall-valutazzjoni tat-tniġġis fil-viċinat ta' sorsi lokalizzati, in-numru ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss għandu jiġi kkalkolat b'kont meħud tad-densitajiet tal-emissjonijiet, ix-xejriet probabbli ta' distribuzzjoni tat-tniġġis tal-arja tal-ambjent u tal-esponiment potenzjali tal-popolazzjoni. Is-sit ta' tali punti ta' kampjunar għandu

jintgħażel b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT (l-Aqwa Tekniki Disponibbli) kif definita mid-Direttiva 2010/75/UE tkun tista' tiġi mmonitorjata.

**B. In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju tal-$PM_{2.5}$ u l-$NO_2$ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem**

Għall-$PM_{2.5}$ u l-$NO_2$ kull wieħed, punt ta' kampjunar wieħed għal kull reġjun tan-NUTS 1 kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, u mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed għal kull miljun abitant ikkalkolat fiż-żoni urbani ta' aktar minn 100 000 abitant, għandu jkun imħaddem għal dan l-iskop. Dawk il-punti ta' kampjunar jistgħu jkunu l-istess punti ta' kampjunar taħt il-Punt A.

**C. In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità ma' livelli kritiċi, u mal-objettivi fit-tul għall-ożonu**

*1. Livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali*

| | |
|---|---|
| **Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jaqbżu l-livelli kritiċi** | Punt ta' kampjunar wieħed għal kull 20 000 $km^2$ |
| **Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jaqbżu l-livell limitu ta' valutazzjoni** | Punt ta' kampjunar wieħed għal kull 40 000 $km^2$ |

F'żoni li huma gżejjer, in-numru tal-punti ta' kampjunar għall-kejl fiss għandu jiġi kalkolat b'kont meħud tax-xejriet probabbli ta' distribuzzjoni tat-tniġġis tal-arja ambjentali u l-esponiment potenzjali tal-veġetazzjoni.

*2. Objettiv fit-tul għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent għall-ożonu*

Għall-kejl bi sfond rurali l-Istati Membri għandhom jiżguraw mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed għal kull 50 000 $km^2$ bħala densità medja fuq iż-żoni kollha għal kull pajjiż. Għat-terren kumpless, huwa rrakkomandat punt ta' kampjunar wieħed għal kull 25 000 $km^2$.

**D. In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss tal-partikoli ultrafini fejn ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja**

Il-partikoli ultrafini għandhom jiġu mmonitorjati f'postijiet magħżula flimkien ma' sustanzi oħra li jniġġsu fl-arja. Il-punti ta' kampjunar għall-monitoraġġ tal-partikoli ultrafini għandhom jikkoinċidu, fejn xieraq, mal-punti ta' kampjunar għall-materja partikolata jew għad-diossidu tan-nitroġenu msemmija fil-Punt A, u jitqiegħdu f'sit f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Anness VII. Għal dan l-iskop, għandu jiġi stabbilit mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed għal kull 5 miljun abitant f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' UFP. L-Istati Membri li għandhom inqas minn ħames miljun abitant għandhom jistabbilixxu mill-inqas punt ta' kampjunar fiss wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' UFP.

Is-supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban jew bi sfond rurali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 ma għandhomx jiġu inklużi għall-fini li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dwar in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-UFP stabbiliti hawnhekk.

## ANNESS IV

## VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA AMBJENTALI U L-POST TAL-PUNTI TA' KAMPJUNAR

### A. Ġenerali

Il-kwalità tal-arja ambjentali għandha tiġi vvalutata fiż-żoni kollha kif ġej:

1. Il-kwalità tal-arja ambjentali għandha tiġi vvalutata fil-postijiet kollha minbarra dawk elenkati fil-paragrafu 2.

   Il-Punti B u C għandhom japplikaw għall-post tal-punti ta' kampjunar. Il-prinċipji stabbiliti bil-Punti B u C għandhom japplikaw ukoll sakemm dawn huma rilevanti fl-identifikazzjoni tal-postijiet speċifiċi li fihom il-konċentrazzjoni ta' sustanzi li jniġġsu rilevanti hija stabbilita fejn il-kwalità tal-arja ambjentali hija valutata minn kejl indikattiv jew immudellar.

2. Il-konformità mal-valuri ta' limitu diretti lejn il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ma għandhiex tiġi vvalutata fil-postijiet li ġejjin:

   (a) kwalunkwe post li jinsab f'żoni fejn il-membri tal-pubbliku ma jkollhomx aċċess u fejn ma hemmx abitazzjoni fissa;

   (b) f'konformità mal-Artikolu 4(1), fil-bini tal-fabbriki jew f'siti industrijali li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha rigward is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

   (c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għar-riżerva ċentrali għall-persuni mexjin.

### B. Għażla tas-sit fuq skala makro tal-punti ta' kampjunar

*1. Informazzjoni*

L-għażla tas-sit tal-punti ta' kampjunar għanduha tqis id-*data* nazzjonali f'forma ta' grilja tal-emissjonijiet irrapportati skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u d-*data* dwar l-emissjonijiet irrapportata skont ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti.

*2. Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem*

(a) Il-punti ta' kampjunar maħsuba għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li tiġi provduta *data* dwar dawn kollha li ġejjin:

(i) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet fiż-żoni bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni aktarx tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti b'rabta mal-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu,

---

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

(ii) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet oħra fiż-żoni li jkunu rappreżentattivi tal-esponiment tal-popolazzjoni ġenerali, u

(iii) għall-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, ir-rati ta' depożizzjoni li jirrappreżentaw l-esponiment indirett tal-popolazzjoni tul il-katina alimentari;

(b) il-punti ta' kampjunar ġeneralment għandhom jitqiegħdu f'sit b'mod li jiġi evitat il-kejl ta' mikroambjenti fil-viċinat immedjat tal-punt ta' kampjunar, li jfisser li punt ta' kampjunar irid jitqiegħed f'sit b'tali mod li l-arja li tagħha jittieħdu l-kampjuni tkun rappreżentattiva tal-kwalità tal-arja f'segment ta' triq ta' mhux anqas minn 100 m fit-tul f'siti bit-traffiku tat-triq u tal-anqas 250 m × 250 m f'postijiet fejn jitkejjel il-kontribut minn siti industrijali jew minn sorsi oħra bħal portijiet jew ajruporti, fejn ikun fattibbli;

(c) il-postijiet bi sfond urban għandhom jitpoġġew b'mod li l-livell ta' tniġġis tagħhom ikun influwenzat mill-kontribut integrat tas-sorsi kollha fid-direzzjoni kontra r-riħ tal-punt ta' kampjunar. Il-livell ta' tniġġis ma għandux ikun iddominat minn sors wieħed sakemm din is-sitwazzjoni ma tkunx tipika ta' żona urbana akbar. Il-punti ta' kampjunar għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu rappreżentattivi għal bosta kilometri kwadri;

(d) meta l-objettiv ikun li jitkejjel il-kontribut tat-tisħin domestiku, għandu jiġi installat mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed ta' kampjunar fid-direzzjoni ewlenija favur ir-riħ ta' dawn is-sorsi;

(e) meta l-objettiv ikun li jiġu stmati livelli bi sfond rurali, il-punt ta' kampjunar ma għandux ikun influwenzat minn żoni urbani jew siti industrijali fil-qrib, jiġifieri, siti eqreb minn 5 km;

(f) meta jkollhom jiġu vvalutati kontributi minn sorsi industrijali, portijiet jew ajruporti, għandu jiġi installat mill-anqas post ta' kampjunar wieħed fl-eqreb żona residenzjali fuq in-naħa tas-sorsi favur ir-riħ. Fejn ma tkunx magħrufa l-konċentrazzjoni tal-isfond, għandu jiġi ppustjat punt ta' kampjunar addizzjonali fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ. Il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT tkun tista' tiġi mmonitorjata;

(g) il-punti ta' kampjunar għandhom, kemm jista' jkun, ikunu rappreżentattivi wkoll ta' postijiet simili mhux fil-viċinat immedjat tal-punti ta' kampjunar. Fiż-żoni fejn il-livell ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja jkun ogħla mil-livell limitu ta' valutazzjoni, il-parti li kull punt ta' kampjunar huwa rappreżentattiv għaliha, għandha tkun definita b'mod ċar. Iż-żona kollha għandha tkun koperta mill-punti differenti ta' rappreżentattività definiti għal kull punt ta' kampjunar;

(h) għandu jittieħed kont tal-ħtieġa li jinstabu punti ta' kampjunar fuq gżejjer fejn dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

(i) il-punti ta' kampjunar li jkejlu l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi għandhom, fejn possibbli, jiġu kolokati mal-punti ta' kampjunar għall-$PM_{10}$.

Meta tiġi ddefinita ż-żona ta' rappreżentattività spazjali, għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi assoċjati li ġejjin:

(a) iż-żona ġeografika tista' tinkludi dominji mhux kontigwi iżda għandha tkun limitata fl-estensjoni tagħha mill-fruntieri taż-żona tal-kwalità tal-arja li tkun qed tiġi kkunsidrata;

(b) jekk tiġi vvalutata permezz tal-immudellar, għandha tintuża sistema ta' mmudellar adegwata għall-użu u għandhom jintużaw konċentrazzjonijiet immudellati fil-post tal-istazzjon biex jiġi evitat li l-preġudizzji sistematiċi tal-kejl tal-mudell ifixklu l-valutazzjoni;

(c) jistgħu jiġu kkunsidrati metriċi oħra minbarra l-konċentrazzjonijiet assoluti (eż. il-perċentili);

(d) il-limiti ta' tolleranza u l-limiti possibbli għas-sustanzi niġġiesa differenti jistgħu jinbidlu skont il-karatteristiċi tal-istazzjon;

(e) il-medja annwali tal-konċentrazzjoni tas-sustanza niġġiesa osservata għandha tintuża bħala l-metrika tal-kwalità tal-arja għal sena speċifika.

*3. Protezzjoni ta' veġetazzjoni u ta' ekosistemi naturali*

Il-punti ta' kampjunar maħsuba għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali għandhom jitqiegħdu f'sit aktar minn 20 km 'il bogħod miż-żoni urbani jew aktar minn 5 km 'il bogħod minn żoni mibnija oħra, siti industrijali jew awtostradi jew toroq prinċipali b'għadd ta' traffiku ta' aktar minn 50 000 vettura kuljum, li jfisser li punt ta' kampjunar irid jitqiegħed f'sit b'tali mod li l-arja li tagħha jittieħdu kampjuni tkun rappreżentattiva tal-kwalità tal-arja f'żona tal-madwar ta' mill-anqas 1 000 $km^2$. Stat Membru jista' jipprevedi li punt ta' kampjunar jitqiegħed f'sit f'distanza iqsar jew li jkun rappreżentattiv tal-kwalità tal-arja f'żona anqas mifruxa, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet ġeografiċi jew tal-opportunitajiet biex jiġu protetti żoni partikolarment vulnerabbli.

Għandu jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi stmata l-kwalità tal-arja fuq il-gżejjer.

*4. Kriterji addizzjonali għall-punti ta' kampjunar tal-ożonu*

Dan li ġej japplika għall-kejl fiss u indikattiv:

| **Tip ta' punt ta' kampjunar** | **Objettivi tal-kejl** | **Rappreżent attività (1)** | **Għażla tas-siti fuq skala makro** |
|---|---|---|---|
| Siti bi sfond urban għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem:<br>biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-popolazzjoni urbana għall-ożonu, jiġifieri meta d-densità tal-popolazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-ożonu jkunu relattivament għolja u jirrappreżentaw l-esponiment tal- | 1 sa 10 $km^2$ | Lil hinn mill-influwenza tal-emissjonijiet lokali bħalma huma t-traffiku, il-pompi tal-petrol, eċċ.;<br>postijiet arjużi fejn jistgħu jitkejlu livelli mħallta sew;<br>postijiet bħalma huma żoni residenzjali u kummerċjali tal-bliet, parks (lil hinn mis-siġar), toroq wesgħin jew pjazez bi ftit li xejn jew xejn traffiku, żoni miftuħa karatteristiċi tal-faċilitajiet edukattivi, sportivi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | popolazzjoni ġenerali | | jew rikreattivi. |
| Postijiet suburbani għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni:<br>sabiex jiġi vvalutat l-esponiment tal-popolazzjoni u tal-veġetazzjoni li jinsabu fil-periferija taż-żona urbana, bl-ogħla livelli ta' ożonu li għalihom huma mistennija li jkunu esposti l-aktar il-popolazzjoni u l-veġetazzjoni, direttament jew indirettament. | 10 sa 100 km$^2$ | F'ċerta distanza miż-żona ta' emissjonijiet massimi, favur ir-riħ skont id-direzzjoni(jiet) ewlenija/ewlenin tar-riħ waqt kondizzjonijiet li jiffavorixxu l-formazzjoni tal-ożonu;<br>meta l-popolazzjoni, l-għelejjel sensittivi jew l-ekosistemi naturali li jinsabu fil-periferija ta' barra ta' żona urbana jkunu esposti għal livelli għolja ta' ożonu;<br>fejn ikun xieraq, xi punti ta' kampjunar suburbani wkoll fid-direzzjoni kontra r-riħ taż-żona tal-emissjonijiet massimi, sabiex jiġu determinati l-livelli ta' ożonu fl-isfond tar-reġjun. |
| Postijiet rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni:<br>sabiex jiġi vvalutat l-esponiment tal-popolazzjoni, tal-għelejjel u tal-ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala subreġjonali. | Livelli subreġjonali<br>(100 sa 1 000 km$^2$) | Il-punti ta' kampjunar jistgħu jkunu f'irħula żgħar/jew żoni b'ekosistemi naturali, foresti jew għelejjel;<br>rappreżentattivi tal-ożonu lil hinn mill-influwenza ta' emissjonijiet lokali immedjati bħalma huma dawk minn siti industrijali u toroq;<br>f'siti miftuħa, iżda mhux fuq il-qċaċet ta' muntanji għoljin. |
| Postijiet bi sfond rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni:<br>sabiex jiġi vvalutat l-esponiment ta' uċuħ tar-raba u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala reġjonali kif ukoll l-esponiment tal-popolazzjoni. | Livelli reġjonali/nazzjonali/kontinentali<br>(1 000 sa 10 000 km$^2$) | Il-punti ta' kampjunar li jinsabu f'żoni b'densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, eż. b'ekosistemi naturali, foresti, f'distanza ta' mill-anqas 20 km minn żoni urbani u industrijali u lil hinn minn emissjonijiet lokali;<br>għandhom jiġu evitati postijiet li huma soġġetti għall-formazzjoni lokali ogħla tal-kondizzjonijiet ta' inverżjoni qrib l-art, kif ukoll il-qċaċet ta' muntanji għoljin;<br>mhumiex rakkomandati siti mal-kosta b'ċikli tal-irjieħ matul il- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | jum ta’ karattru lokali. |

(1) Il-punti ta’ kampjunar għandhom, kemm jista’ jkun, ikunu rappreżentattivi ta’ postijiet simili mhux fil-viċinat immedjat tal-punti ta’ kampjunar.

Il-postijiet tal-punti ta’ kampjunar għaż-żoni rurali u l-postijiet bi sfond rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu għandhom, fejn xieraq, ikunu kkoordinati mar-rekwiżiti ta’ monitoraġġ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/2006[2].

## C. Għażla tas-siti fuq skala mikro tal-punti ta’ kampjunar

Sa fejn ikun prattikabbli, għandu japplika dan li ġej:

(a) il-fluss madwar il-bokka tal-punt ta’ kampjunar ma għandux ikun ristrett (b’mod ġenerali jkun ħieles f’ark ta’ mill-anqas 270°, jew, ta’ mill-anqas 180 għall-punti ta’ kampjunar fil-linja tal-bini) mingħajr ebda ostaklu għall-fluss tal-arja qrib il-bokka (mill-anqas 1,5 m ’il bogħod mill-bini, mill-gallariji, mis-siġar u minn ostakli oħra u mill-anqas 0,5 m ’il bogħod mill-eqreb bini fil-każ ta’ punti ta’ kampjunar li jirrappreżentaw il-kwalità tal-arja fil-linja tal-bini);

(b) b’mod ġenerali, il-bokka tal-punt ta’ kampjunar għandha tkun bejn 0,5 m (iż-żona ta’ respirazzjoni) u 4 m ’il fuq mill-art. Għażla tas-siti ogħla (sa 8 m) tista’ tkun xierqa jekk il-punt ta’ kampjunar ikun rappreżentattiv ta’ żona kbira (post fl-isfond) jew f’ċirkostanzi speċifiċi oħra u kwalunkwe deroga għandha tiġi ddokumentata bis-sħiħ;

(c) is-sonda tal-bokka ma għandhiex titqiegħed fil-qrib immedjat tas-sorsi biex jiġi evitat id-dħul dirett ta’ emissjonijiet mhux imħallta mal-arja ambjentali, li l-membri tal-pubbliku x’aktarx li ma jkunux esposti għalihhom;

(d) l-iżbokk tal-egżost tal-apparat li jieħu l-kampjuni għandha tkun f’pożizzjoni b’mod li tiġi evitata ċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-arja tal-egżost għal ġol-bokka tal-apparat li jieħu l-kampjuni;

(e) għas-sustanzi niġġiesa kollha, is-sondi tal-kampjunar għandhom ikunu mill-inqas 25 m ’il bogħod mit-tarf tal-punti prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq u mhux aktar minn 10 m mill-bankina; għall-finijiet ta’ dan il-punt, “bankina” tfisser il-linja li tissepara t-traffiku motorizzat minn żoni oħra; “punt prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq” tfisser punt fejn jiltaqgħu t-toroq li jinterrompi l-fluss tat-traffiku u jikkawża emissjonijiet differenti (ta’ waqfien u startjar) mill-bqija tat-triq;

(f) għall-kejl ta’ depożizzjoni f’postijiet bi sfond rurali, il-linji gwida u l-kriterji tal-EMEP għandhom japplikaw sa fejn ikun prattikabbli;

(g) għall-kejl tal-ożonu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punt ta’ kampjunar ikun ippożizzjonat ’il bogħod sew minn sorsi bħal fran u ċmieni ta’ inċinerazzjoni u iktar minn 10 m mill-eqreb triq, b’distanza li tiżdied bħala funzjoni tal-ntensità tat-traffiku.

Il-fatturi li ġejjin jistgħu jitqiesu wkoll:

(a) sorsi ta’ interferenza;

---

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/2006 tas-7 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-foresti u l-interazzjonijiet ambjentali fil-Komunità (ĠU L 334, 30.11.2006, p. 1).

(b) is-sigurtà;

(c) l-aċċess;

(d) id-disponibbiltà tal-enerġija elettrika u l-komunikazzjonijiet bit-telefon;

(e) il-viżibbiltà tas-sit f'relazzjoni mal-ambjent tal-madwar;

(f) is-sigurtà tal-pubbliku u tal-operaturi;

(g) l-interess tal-kolokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għal sustanzi niġġiesa differenti;

(h) ir-rekwiżiti tal-ippjanar.

## D. L-għażla tas-sit, ir-rieżami u d-dokumentazzjoni tagħha

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha għandhom jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-għażla tas-sit u jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-għażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha. It-tfassil tan-network ta' monitoraġġ għandu mill-inqas ikun appoġġat jew permezz ta' mmudellar jew permezz ta' kejl indikattiv.
2. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-post tal-punti ta' kampjunar permezz ta' koordinati spazjali, mapep dettaljati u għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rappreżentattività spazjali tal-punti ta' kampjunar kollha.
3. Id-dokumentazzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji tal-għażla tas-siti fuq skala mikro, ir-raġunijiet sottostanti tagħha u l-impatt probabbli fuq il-livelli mkejla.
4. Meta f'żona jintuża l-kejl indikattiv, l-immudellar jew l-istima oġġettiva jew taħlita tagħhom, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dettalji ta' dawn il-metodi u l-informazzjoni dwar kif jiġu ssodisfati l-kriterji elenkati fl-Artikolu 9(3).
5. Meta jintuża l-kejl indikattiv, l-immudellar jew l-istima oġġettiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw id-*data* f'forma ta' grilja rrapportata skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet irrapportata skont id-Direttiva 2010/75/UE.
6. Għall-kejl tal-ożonu, l-Istati Membri għandhom japplikaw skrinjar u interpretazzjoni xierqa tad-*data* tal-monitoraġġ fil-kuntest tal-proċessi meteoroloġiċi u fotokimiċi li jaffettwaw il-konċentrazzjonijiet tal-ożonu mkejla fis-siti rispettivi.
7. Meta applikabbli, il-lista ta' sustanzi prekursuri tal-ożonu, l-objettiv mixtieq għall-kejl tagħhom u l-metodi użati għall-kampjunar u l-kejl tagħhom għandhom ikunu parti mid-dokumentazzjoni.
8. Meta applikabbli, l-informazzjoni tal-metodi tal-kejl użati għall-kejl tal-kompożizzjoni kimika tal-$PM_{2.5}$ wkoll għandha tkun parti mid-dokumentazzjoni.
9. Mill-anqas kull ħames snin, il-kriterji tal-għażla, it-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ, definiti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, għandhom jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li jibqgħu validi u ottimali maż-żmien. Dan ir-rieżami għandu jkun appoġġat mill-inqas jew permezz tal-immudellar jew tal-kejl indikattiv.
10. Id-dokumentazzjoni għandha tiġi aġġornata wara kull rieżami u bidliet rilevanti oħra fin-network tal-monitoraġġ, u għandha ssir pubblika permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa.

## ANNESS V

## OBJETTIVI TAL-KWALITÀ TAD-*DATA*

### A. Inċertezza tal-kejl u l-immudellar għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali

*1. Inċertezza għall-kejl u l-immudellar ta' konċentrazzjonijiet medji fit-tul (medja annwali)*

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Inċertezza massima tal-kejl fiss | | Inċertezza massima tal-kejl indikattiv (1) | | Proporzjon massimu tal-inċertezza tal-immudellar u l-istima oġġettiva fir-rigward tal-inċertezza tal-kejl fiss |
|---|---|---|---|---|---|
| | Valur assolut | Valur relattiv | Valur assolut | Valur relattiv | Proporzjon massimu |
| $PM_{2.5}$ | 3,0 µg/m$^3$ | 30 % | 4,0 µg/m$^3$ | 40 % | 1,7 |
| $PM_{10}$ | 4,0 µg/m$^3$ | 20 % | 6,0 µg/m$^3$ | 30 % | 1,3 |
| $NO_2$ / $NO_x$ | 6,0 µg/m$^3$ | 30 % | 8,0 µg/m$^3$ | 40 % | 1,4 |
| Benżen | 0,75 µg/m$^3$ | 25 % | 1,2 µg/m$^3$ | 35 % | 1,7 |
| Ċomb | 0,125 µg/m$^3$ | 25 % | 0,175 µg/m$^3$ | 35 % | 1,7 |
| Arseniku | 2,4 ng/m$^3$ | 40 % | 3,0 ng/m$^3$ | 50 % | 1,1 |
| Kadmju | 2,0 ng/m$^3$ | 40 % | 2,5 ng/m$^3$ | 50 % | 1,1 |
| Nikil | 8,0 ng/m$^3$ | 40 % | 10,0 ng/m$^3$ | 50 % | 1,1 |
| Benżo[a]piren | 0,5 ng/m$^3$ | 50 % | 0,6 ng/m$^3$ | 60 % | 1,1 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra għajr għall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-rieżami tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċertezza tista' tkun dik stabbilita għall-applikazzjonijiet tal-immudellar.

*2. Inċertezza għall-kejl u l-immudellar tal-konċentrazzjonijiet medji għal żmien qasir*

| **Sustanza li tniġġes fl-arja** | **Inċertezza massima tal-kejl fiss** | | **Inċertezza massima tal-kejl indikattiv (1)** | | **Proporzjon massimu tal-inċertezza tal-immudellar u l-istima oġġettiva fir-rigward tal-inċertezza tal-kejl fiss** |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Valur assolut** | **Valur relattiv** | **Valur assolut** | **Valur relattiv** | **Proporzjon massimu** |
| **$PM_{2.5}$ (24 siegħa)** | 6,3 µg/m$^3$ | 25 % | 8,8 µg/m$^3$ | 35 % | 2,5 |
| **$PM_{10}$ (24 siegħa)** | 11,3 µg/m$^3$ | 25 % | 22,5 µg/m$^3$ | 50 % | 2,2 |
| **$NO_2$ (kuljum)** | 7,5 µg/m$^3$ | 15 % | 12,5 µg/m$^3$ | 25 % | 3,2 |
| **$NO_2$ (kull siegħa)** | 30 µg/m$^3$ | 15 % | 50 µg/m$^3$ | 25 % | 3,2 |
| **$SO_2$ (kuljum)** | 7,5 µg/m$^3$ | 15 % | 12,5 µg/m$^3$ | 25 % | 3,2 |
| **$SO_2$ (kull siegħa)** | 52,5 µg/m$^3$ | 15 % | 87,5 µg/m$^3$ | 25 % | 3,2 |
| **CO (24 siegħa)** | 0,6 mg/m$^3$ | 15 % | 1,0 mg/m$^3$ | 25 % | 3,2 |
| **CO (8 sigħat)** | 1,0 mg/m$^3$ | 10 % | 2,0 mg/m$^3$ | 20 % | 4,9 |
| **Ożonu (l-eqqel tal-istaġun): inċertezza tal-valuri ta' 8 sigħat** | 10,5 µg/m$^3$ | 15 % | 17,5 µg/m$^3$ | 25 % | 1,7 |
| **Ożonu (medda fuq 8 sigħat)** | 18 µg/m$^3$ | 15 % | 30 µg/m$^3$ | 25 % | 2,2 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra għajr għall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-rieżami tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċertezza tista' tkun dik stabbilita għall-applikazzjonijiet tal-immudellar.

L-inċertezza għall-kejl (espressa f'livell ta' kunfidenza ta' 95 %) tal-metodi tal-valutazzjoni għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-istandard EN rispettiv ta' kull sustanza niġġiesa. Għall-metodi fejn ma jkun disponibbli l-ebda standard, l-inċertezza tal-metodu ta' valutazzjoni għandha tiġi evalwata f'konformità mal-prinċipji tal-Kumitat Konġunt għall-Gwida fil-Metroloġija (JCGM) 100:2008 " Evaluation of measurement data - Guide to the Expression of Uncertainty in Measurement" u l-metodoloġija fil-Parti 5 tal-ISO 5725:1998. Għall-kejl indikattiv, l-inċertezza għandha tiġi kkalkolata skont il-gwida dwar il-prova ta' ekwivalenza msemmija fil-Punt B tal-Anness VI.

Il-persentaġġi għall-inċertezza fit-tabelli f'din it-Taqsima japplikaw għall-valuri ta' limitu kollha (u l-valur fil-mira għall-ożonu) li huma kkalkulati b'medja sempliċi tal-kejl individwali bħall-medja fis-siegħa, il-medja ta' kuljum jew il-valuri medji annwali

mingħajr ma titqies l-inċertezza addizzjonali għall-kalkolu tan-numru ta' qabżiet. L-inċertezza għandha tiġi interpretata li tapplika fir-reġjun tal-valuri ta' limitu xierqa (jew il-valur fil-mira għall-ożonu). Il-kalkolu tal-inċertezza ma japplikax għal AOT40 u valuri li jinkludu aktar minn sena, aktar minn stazzjon wieħed (eż. l-AEI) jew aktar minn komponent wieħed. Lanqas ma huma applikabbli għal-livelli limiti ta' informazzjoni, għal-livelli limiti ta' allert u għal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali.

L-inċertezza tad-*data* tal-kejl użata għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali ma għandha taqbeż la l-valur assolut u lanqas il-valur relattiv espress f'din it-Taqsima.

L-inċertezza massima tal-immudellar hija stabbilita għall-inċertezza għall-kejl fiss immultiplikata bil-proporzjon massimu applikabbli. L-objettiv tal-kwalità tal-immudellar (jiġifieri indikatur tal-kwalità tal-immudellar ta' 1 jew inqas) għandu jiġi vverifikat mill-inqas f'90 % tal-punti ta' monitoraġġ disponibbli, fuq iż-żona ta' valutazzjoni u l-perjodu kkunsidrat. F'punt ta' monitoraġġ partikolari, l-indikatur tal-kwalità tal-immudellar għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon tal-għerq tal-medja tal-kwadrati tal-errur(i) bejn ir-riżultati tal-immudellar u l-kejl mal-għerq kwadrat tas-somma/somom kwadratika/ċi tal-inċertezzi tal-immudellar u tal-kejl, matul perjodu sħiħ ta' valutazzjoni. Għandu jkun innotat li s-somma tonqos għal valur uniku meta jitqiesu l-medji annwali. Il-kejl fiss kollu li jissodisfa l-objettivi tal-kwalità tad-*data* (jiġifieri l-inċertezza tal-kejl u l-kopertura tad-*data* tal-kejl kif speċifikat fit-Taqsimiet A u B ta' dan l-Anness, rispettivament) li jinsab fiż-żona tal-valutazzjoni tal-immudellar għandu jintuża għall-evalwazzjoni tal-inċertezza tal-immudellar. Għandu jkun innotat li l-proporzjon massimu għandu jiġi interpretat bħala applikabbli fuq il-firxa tal-konċentrazzjoni sħiħa.

Għall-konċentrazzjonijiet medji għal żmien qasir, l-inċertezza massima tad-*data* tal-kejl użata biex jiġi vvalutat l-objettiv tal-kwalità tal-immudellar għandha tkun l-inċertezza assoluta kkalkolata bl-użu tal-valur relattiv espress f'din it-Taqsima, ogħla mill-valur ta' limitu u għandha tonqos b'mod lineari mill-valur assolut fil-valur ta' limitu, għal livell limitu ta' konċentrazzjoni żero[3]. Kemm l-objettivi tal-kwalità tal-immudellar għal żmien qasir kif ukoll dawk fit-tul għandhom jiġu ssodisfati.

Għall-immudellar tal-konċentrazzjonijiet medji annwali tal-benżen, taċ-ċomb, tal-arseniku, tal-kadmju, tan-nikil u tal-benżo[a]piren, l-inċertezza massima tad-*data* tal-kejl użata għall-valutazzjoni tal-objettiv tal-kwalità tal-immudellar ma għandhiex taqbeż il-valur relattiv espress f'din it-Taqsima.

Għall-immudellar tal-konċentrazzjonijiet medji annwali tal-$PM_{2.5}$, tal-$PM_{10}$ u tad-diossidu tan-nitroġenu, l-inċertezza massima tad-*data* tal-kejl użata għall-valutazzjoni tal-objettiv tal-kwalità tal-immudellar ma għandha taqbeż la l-valur assolut u lanqas il-valur relattiv espress f'din it-Taqsima.

Meta jintuża mudell tal-kwalità tal-arja għal skop ta' valutazzjoni, għandhom jiġu kkumpilati r-referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-mudell u l-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-objettiv tal-kwalità tal-immudellar.

L-inċertezza tal-istima oġġettiva ma għandhiex taqbeż l-inċertezza għall-kejl indikattiv b'aktar mill-proporzjon massimu applikabbli u ma għandhiex taqbeż il-85 %. L-

[3] Il-livell limitu għandu jkun stabbilit għal 4, 3, 10, 3 u 5 ug/m$^3$ għall-$PM_{10}$, għall-$PM_{2.5}$, għall-$O_3$, għall-$NO_2$ u għall-$SO_2$, rispettivament u għal 0,5 mg/m$^3$ għas-CO. Dawn il-valuri jirrappreżentaw l-istat tal-għarfien u għandhom jiġu aġġornati regolarment mill-inqas kull 5 snin, biex jirriflettu l-aktar żviluppi avvanzati.

inċertezza fir-rigward tal-istima oġġettiva hija definita bħala d-devjazzjoni massima tal-livelli tal-konċentrazzjoni mkejlin u kkalkolati, matul il-perjodu kkunsidrat, bil-valur ta' limitu (jew il-valur fil-mira għall-ożonu), mingħajr ma jittieħed kont tat-twaqqit tal-avvenimenti.

## B. Kopertura tad-*data* tal-kejl għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali

"Kopertura tad-*data*" tirreferi għall-proporzjon tal-perjodu tal-kejl li għalih tkun disponibbli *data* valida tal-kejl, espressa bħala persentaġġ.

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Kopertura minima ta' *data* | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Kejl fiss | | Kejl indikattiv | |
| | Medji annwali | medji ta' siegħa, ta' 8 sigħat jew ta' 24 siegħa (1) | Medji annwali | medji ta' siegħa, ta' 8 sigħat jew ta' 24 siegħa (1) |
| $SO_2$, $NO_2$/NOx, CO, $O_3$ | 85 % (2) | 75 % (3) | 13 % | 50 % (4) |
| $PM_{10}$, $PM_{2.5}$ | 85 % | 75 % | 13 % | 50 % |
| Benżen | 85 % | - | 13 % | - |
| Benżo[a]piren, idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH), merkurju gassuż totali | 30 % | - | 13 % | - |
| As, Cd, Ni, Pb | 45 % | - | 13 % | - |
| BC, Ammonijaka ($NH_3$), UFP, distribuzzjoni tan-numru tad-daqs tal-partikoli tal-UFP | 80 % | - | 13 % | - |
| Depożizzjoni Totali | - | - | 30 % | - |

(1) Għall-$O_3$ u s-CO, il-kalkolu tal-"medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat" għal kwalunkwe ġurnata speċifika jeħtieġ minimu ta' 75 % tal-medji kontinwi ta' kull siegħa fuq 8 sigħat (jiġifieri 18-il medja ta' tmien sigħat kuljum).

(2) Għall-$O_3$, ir-rekwiżiti minimi ta' kopertura tad-*data* għandhom jiġu ssodisfati kemm għas-sena kalendarja sħiħa, kif ukoll għall-perjodi minn April sa Settembru, u minn Ottubru sa Marzu, rispettivament.

Il-valutazzjoni tal-AOT40 għar-rekwiżiti minimi tal-kopertura tad-*data* dwar l-ożonu għandhom jiġu ssodisfati matul il-perjodu ta' żmien definit għall-kalkolu tal-valur tal-AOT40.

(3) Għall-valutazzjoni tal-valuri medji annwali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw kejl aleatorju minflok kejl kontinwu jekk ikunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li l-inċertezza, inkluż l-inċertezza dovuta għall-kampjunar aleatorju, tissodisfa l-objettivi tal-kwalità fit-tabella u l-kopertura tal-ħin xorta tkun akbar mill-kopertura minima tad-*data* għall-kejl indikattiv. Il-kampjunar aleatorju għandu jitqassam b'mod indaqs matul is-sena biex ikun evitat it-tagħwiġ tar-riżultati. L-inċertezza dovuta għall-kampjunar aleatorju tista' tiġi determinata bil-proċedura stipulata fl-ISO 11222 (2002) "Air Quality — Determination of the Uncertainty of the Time Average of Air Quality Measurements".

(4) Għall-$O_3$, il-kopertura minima tad-*data* tapplika għall-perjodu minn April sa Settembru (l-ebda kriterju ta' kopertura minima tad-*data* ma huwa meħtieġ matul il-perjodu tax-xitwa).

Il-kejl fiss tal-$SO_2$, tal-$NO_2$, tas-CO, tal-$O_3$, tal-$PM_{10}$, tal-$PM_{2.5}$ u tal-benżen għandu jitwettaq kontinwament tul is-sena kalendarja sħiħa.

Għall-każijiet l-oħra, il-kejl għandu jitqassam b'mod ugwali matul is-sena kalendarja sħiħa (jew matul il-perjodu minn April sa Settembru għall-kejl indikattiv tal-$O_3$). Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf potenzjali ta' *data* ma jgħawwiġx ir-riżultati, ir-rekwiżiti minimi tal-kopertura tad-*data* għandhom jiġu ssodisfati għal perjodi speċifiċi (trimestru, xahar, ġurnata ta' matul il-ġimgħa) tas-sena kollha skont is-sustanza niġġiesa u l-metodu/frekwenza tal-kejl.

Għall-valutazzjoni tal-valuri medji annwali permezz ta' kejl indikattiv, l-Istati Membri jistgħu japplikaw kejl aleatorju minflok kejl kontinwu jekk ikunu jistgħu juru li l-inċertezza, inkluż l-inċertezza dovuta għall-kampjunar aleatorju, tissodisfa l-objettivi tal-kwalità tad-*data* u l-kopertura minima tad-*data* meħtieġa għall-kejl indikattiv. Tali kampjunar aleatorju għandu jitqassam b'mod indaqs matul is-sena biex ikun evitat it-tagħwiġ tar-riżultati. L-inċertezza dovuta għall-kampjunar aleatorju tista' tiġi determinata bil-proċedura stipulata fl-ISO 11222 (2002) "Air Quality — Determination of the Uncertainty of the Time Average of Air Quality Measurements".

Ir-rekwiżiti għall-kopertura minima tad-*data* ma jinkludux it-telf tad-*data* minħabba l-kalibrazzjoni regolari jew il-manteniment normali tal-istrumentazzjoni. Tali manutenzjoni ma għandhiex isseħħ matul il-perjodi l-aktar intensivi tat-tniġġis.

Il-kampjunar tul 24 siegħa hu meħtieġ għall-kejl tal-benżo[a]piren u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi oħra. Kampjuni individwali meħuda matul perjodu ta' mhux aktar minn xahar jistgħu jiġu abbinati u analizzati bħala kampjun kompost, sakemm il-metodu jkun jiżgura li l-kampjuni għal dak il-perjodu jkunu stabbli. Jista' jkun diffiċli li jkun hemm riżoluzzjoni analitika tat-tliet konġeneribenżo[b]fluworanten, benżo[j]fluworanten, benżo[k]fluworanten. F'tali każijiet, jistgħu jiġu rrappurtati bħala s-somma. Il-kampjunar għandu jinfirex b'mod ugwali matul il-ġranet ta' matul il-ġimgħa u tul is-sena. Għall-kejl tar-rati ta' depożizzjoni hu rakkomandat il-ġbir ta' kampjuni kull xahar, jew kull ġimgħa matul is-sena kollha.

Barra minn hekk, dawk id-dispożizzjonijiet dwar il-kampjuni individwali għandhom japplikaw ukoll għall-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-merkurju gassuż totali. Barra minn hekk, huwa permess is-sottokampjunar ta' filtri tal-$PM_{10}$ għall-metalli għal analiżi sussegwenti, sakemm ikun hemm evidenza li s-sottokampjun ikun rappreżentattiv tal-kampjun totali u li ma tiġix kompromessa s-sensittività tad-detezzjoni meta mqabbla mal-objettivi rilevanti tal-kwalità tad-*data*. Bħala alternattiva għall-kampjunar ta' kuljum, il-kampjunar ta' kull ġimgħa għall-metalli fil-$PM_{10}$ huwa permess, sakemm il-karatteristiċi ta' ġbir ma jiġux kompromessi.

L-Istati Membri jistgħu jużaw kampjuni umdi biss minflok dak ta' kampjuni aggregati, jekk ikunu jistgħu juru li d-differenza bejniethom tibqa' fil-limitu ta' 10 %. Ir-rati ta' depożizzjoni għandhom ġeneralment jingħataw bħala μg/m$^2$ kuljum.

## C. Metodi għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-istima tal-parametri statistiċi biex titqies il-kopertura baxxa tad-*data* jew it-telf sinifikanti tad-*data*

Għandha titwettaq valutazzjoni tal-konformità mal-limitu rilevanti u mal-valur fil-mira għall-ożonu, irrispettivament minn jekk jintlaħqux l-objettivi tal-kwalità tad-*data*, sakemm id-*data* disponibbli tippermetti valutazzjoni konklużiva. F'każijiet relatati mal-valuri ta' limitu għal żmien qasir u l-valuri fil-mira għall-ożonu, il-kejl li jkopri biss frazzjoni tas-sena kalendarja, u li ma jkunx ipprovda biżżejjed *data* valida kif meħtieġ mill-Punt B, jista' xorta jikkostitwixxi nuqqas ta' konformità. Meta dan ikun il-każ, u ma jkun hemm l-ebda raġuni ċara biex tiġi ddubitata l-kwalità tad-*data* valida miksuba, dan

għandu jitqies bħala qbiż tal-valur ta' limitu jew tal-valur fil-mira u jiġi rrappurtat bħala tali.

**D. Riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja**

L-informazzjoni li ġejja għandha tingħabar għal żoni fejn jintuża l-immudellar tal-kwalità tal-arja jew l-istima oġġettiva:

(a) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' valutazzjoni li jitwettqu,

(b) il-metodi speċifiċi li jintużaw, b'referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-metodu,

(c) is-sorsi tad-*data* u tal-informazzjoni,

(d) deskrizzjoni tar-riżultati, inkluż l-inċertezzi u, b'mod partikolari, il-kobor ta' kwalunkwe żona jew, jekk ikun rilevanti, it-tul tat-triq fiż-żona li fir-rigward tagħha l-konċentrazzjonijiet jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu, valur fil-mira għall-ożonu jew objettiv fit-tul, u ta' kwalunkwe żona fejn il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-livelli limiti tal-valutazzjoni,

(e) il-popolazzjoni potenzjalment esposta għal livelli li jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

**E. Assigurazzjoni tal-kwalità għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Validazzjoni tad-*data***

1. Sabiex tkun żgurata l-preċiżjoni tal-kejl u l-konformità mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* stipulati fil-Punt A, l-awtoritajiet kompetenti xierqa u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 5 għandhom jiżguraw li:

(a) il-kejl kollu li jsir fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali skont l-Artikolu 8 jkun traċċabbli f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istandard armonizzat għal-laboratorji ta' ttestjar u kkalibrar;

(b) l-istituzzjonijiet li jħaddmu n-networks u l-punti ta' kampjunar individwali jkollhom sistema stabbilita ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità li taħseb għal manutenzjoni regolari biex tiżgura l-preċiżjoni kontinwa tal-apparat ta' kejl. Is-sistema tal-kwalità għandha tiġi riveduta kif meħtieġ u għall-inqas kull ħames snin mil-laboratorju ta' referenza nazzjonali rilevanti;

(c) ikun stabbilit proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità/kontroll tal-kwalità fir-rigward tal-proċess tal-ġbir u r-rappurtar tad-*data* u li l-organizzazzjonijiet maħtura għal dan il-kompitu jipparteċipaw b'mod attiv fil-programmi rispettivi ta' assigurazzjoni tal-kwalità madwar l-Unjoni kollha;

(d) il-laboratorji nazzjonali ta' referenza jiġu maħtura mill-awtorità kompetenti xierqa jew minn korp maħtur skont l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva u jkunu akkreditati għall-metodi ta' referenza msemmija fl-Anness VI ta' din id-Direttiva, għall-inqas għal dawk is-sustanzi niġġiesa li għalihom il-konċentrazzjonijiet huma ogħla mil-livell limitu tal-valutazzjoni, skont l-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-ikkalibrar, li r-referenza għalih ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq. Dawn il-laboratorji għandhom ikunu responsabbli wkoll mill-koordinazzjoni fit-territorju tal-Istati Membri tal-programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità madwar l-Unjoni kollha li għandhom ikunu organizzati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u għandhom ikunu wkoll responsabbli biex jikkoordinaw, fuq livell nazzjonali, l-użu adegwat tal-metodi ta' referenza u t-turija tal-ekwivalenza tal-metodi li mhumiex ta' referenza. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali li jorganizzaw paragun bejn il-laboratorji fuq il-livell nazzjonali għandhom ukoll ikunu akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għall-ittestjar tal-proficjenza;

(e) il-laboratorji ta' referenza nazzjonali jieħdu sehem, mill-inqas kull 3 snin, fil-programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità madwar l-Unjoni kollha organizzati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għal mill-inqas dawk is-sustanzi niġġiesa li għalihom il-konċentrazzjonijiet ikunu ogħla mil-livell limitu tal-valutazzjoni. Hija rrakkomandata l-parteċipazzjoni għal sustanzi niġġiesa oħra. Jekk din il-parteċipazzjoni tipproduċi riżultati mhux sodisfaċenti, il-laboratorju nazzjonali għandu juri, meta jieħu sehem fil-paragun bejn il-laboratorji li jkun imiss, miżuri ta' rimedju sodisfaċenti, u jipprovdi rapport liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar dawn il-miżuri;

(f) il-laboratorji ta' referenza nazzjonali jappoġġaw ix-xogħol imwettaq min-Network Ewropew tal-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali stabbilit miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni;

(g) in-network Ewropew tal-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali jkun responsabbli għar-rieżami perjodiku, mill-inqas kull 5 snin, tal-inċertezzi tal-kejl elenkati fl-ewwel żewġ kolonni tat-Tabelli 1 u 2 ta' dan l-Anness u l-proposta sussegwenti ta' kwalunkwe bidla meħtieġa lill-Kummissjoni.

2. Id-*data* kollha rrappurtata skont l-Artikolu 23 għandha titqies bħala valida minbarra *data* mmarkata bħala proviżorja.

## F. Promozzjoni ta' approċċi armonizzati ta' mmudellar tal-kwalità

1. Biex jippromwovu u jappoġġaw l-użu armonizzat ta' approċċi ta' mmudellar tal-kwalità tal-arja xjentifikament tajbin mill-awtoritajiet kompetenti b'enfasi fuq l-applikazzjoni tal-mudell, l-awtoritajiet kompetenti xierqa u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 5 għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) li l-istituzzjonijiet ta' referenza maħtura jipparteċipaw fin-network Ewropew tal-immudellar tal-kwalità tal-arja stabbilit miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni;

(b) li l-aħjar prattiki fl-immudellar tal-kwalità tal-arja identifikati min-network permezz ta' kunsens xjentifiku jiġu adottati f'applikazzjonijiet rilevanti tal-immudellar tal-kwalità tal-arja għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti legali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-adattamenti tal-mudell meħtieġa minħabba ċirkostanzi uniċi;

---

4 Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

(c) li l-kwalità tal-applikazzjonijiet rilevanti tal-immudellar tal-kwalità tal-arja tiġi ċċekkjata u mtejba perjodikament permezz ta' eżerċizzji ta' paragun bejn il-laboratorji organizzati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni;

(d) li n-network Ewropew tal-immudellar tal-kwalità tal-arja jkun responsabbli għar-rieżami perjodiku, mill-inqas kull 5 snin, tal-proporzjon tal-inċertezzi tal-immudellar elenkati fl-aħħar kolonni tat-Tabelli 1 u 2 ta' dan l-Anness u l-proposta sussegwenti ta' kwalunkwe bidla meħtieġa lill-Kummissjoni.

## ANNESS VI

## IL-METODI TA' REFERENZA GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET FL-ARJA AMBJENTALI U R-RATI TA' DEPOŻIZZJONI

**A. Metodi ta' referenza għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, tad-diossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu, tal-materja partikolata ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$), taċ-ċomb, tal-benżen, tal-monossidu tal-karbonju, tal-arseniku, tal-kadmju, tal-merkurju, tan-nikil, tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, tal-ożonu u ta' sustanzi niġġiesa oħra fl-arja ambjentali u r-rati ta' depożizzjoni**

*1. Metodu ta' referenza għall-kejl tad-diossidu tal-kubrit fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kejl tad-diossidu tal-kubrit huwa dak deskritt f'EN 14212:2012 "Il-kwalità tal-arja ambjentali — Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tad-diossidu tal-kubrit bil-fluworexxenza ultravjola".

*2. Metodu ta' referenza għall-kejl tad-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kejl tad-diossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu huwa dak deskritt f'EN 14211:2012 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tad-diossidu tan-nitroġenu u tal-monossidu tan-nitroġenu bil-kimiluminixxenza".

*3. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-$PM_{10}$ fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-$PM_{10}$ huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża".

*4. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-$PM_{2.5}$ fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-$PM_{2.5}$ huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża".

*5. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl taċ-ċomb, l-arseniku, il-kadmju u n-nikil fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar taċ-ċomb, tal-arseniku, tal-kadmju u tan-nikil huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża". Il-metodu ta' referenza għall-kejl taċ-ċomb, tal-arseniku, tal-kadmju u tan-nikil huwa dak deskritt f'EN 14902:2005 "Il-metodu standard għall-kejl tal-Pb/Cd/As/Ni fil-frazzjoni tal-$PM_{10}$ mill-materja partikolata sospiża".

*6. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-benżen fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-benżen huwa dak deskritt f'EN 14662, il-partijiet 1 (2005), 2 (2005) u 3 (2016) "Il-kwalità tal-arja ambjentali – Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjonijiet tal-benżen".

*7. Metodu ta' referenza għall-kejl tal-monossidu tal-karbonju fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-monossidu tal-karbonju huwa dak deskritt f'EN 14626:2012 "Il-kwalità tal-arja ambjentali – Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-monossidu tal-karbonju bl-ispettroskopija mhux dispersiva tal-infraaħmar".

*8. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża". Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-benżo[a]piren fl-arja ambjentali huwa dak deskritt f'EN 15549:2008 "Il-kwalità tal-arja – Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-benżo[a]piren fl-arja ambjentali". Fin-nuqqas ta' metodu standardizzat CEN għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), l-Istati Membri jistgħu jużaw metodi standard nazzjonali jew metodi tal-ISO bħall-istandard tal-ISO 12884.

*9. Metodi ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-merkurju fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-konċentrazzjonijiet tal-merkurju gassuż totali fl-arja ambjentali huwa dak deskritt f'EN 15852:2010 "Il-kwalità tal-arja ambjentali – Il-metodu standard għad-determinazzjoni tal-merkurju gassuż totali".

*10. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-analiżi tad-depożizzjoni tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi*

Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-arseniku, tal-kadmju u tan-nikil huwa dak deskritt f'EN 15841:2009 "Il-kwalità tal-arja ambjentali – Il-metodu standard għad-determinazzjoni tal-arseniku, tal-kadmju, taċ-ċomb u tan-nikil fid-depożizzjoni atmosferika".

Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-merkurju huwa dak deskritt f'EN 15853:2010 "Il-kwalità tal-arja ambjentali – Il-metodu standard għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-merkurju".

Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-benżo[a]piren u tal-idrokarburi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6) huwa dak deskritt f'EN 15980:2011, "Il-kwalità tal-arja – Determinazzjoni tad-depożizzjoni ta' benż[a]antraċen, benżo[b]fluworanten, benżo[j]fluworanten, benżo[k]fluworanten, benżo[a]piren, dibenż[a,h]antraċen u indeno[1,2,3-cd]piren".

*11. Metodu ta' referenza għall-kejl tal-ożonu fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-ożonu huwa dak deskritt f'EN 14625:2012 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-ożonu bil-fotometrija ultravjola".

*12. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-komposti organiċi volatili li huma sustanzi prekursuri tal-ożonu fl-arja ambjentali*

Fin-nuqqas ta' metodu standard tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għall-kampjunar u l-kejl tal-komposti organiċi volatili li huma sustanzi prekursuri tal-ożonu fl-arja ambjentali għajr il-benżen, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-metodi ta' kampjunar u kejl li jużaw, f'konformità mal-Anness V u filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-kejl stabbiliti fit-Taqsima 2, il-Punt A, tal-Anness VII.

*13. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal-karbonju elementali u l-karbonju organiku fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar tal-karbonju elementali u tal-karbonju organiku huwa dak deskritt f'EN 12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża". Il-metodi ta' referenza għall-kejl tal-karbonju elementali u tal-karbonju organiku fl-arja ambjentali huwa dak deskritt f'EN 16909:2017 "L-arja ambjentali – Il-kejl tal-karbonju elementali (EC) u tal-karbonju organiku (OC) miġbur fil-filtri".

*14. Metodu ta' referenza għall-kampjunar u l-kejl tal- $NO_3^-$, tal-$SO_4^{2-}$, tas-$Cl^-$, tal-$NH_4^+$, tal-$Na^+$, tal-$K^+$, tal-$Mg^{2+}$, tas-$Ca^{2+}$ fil-$PM_{2.5}$ fl-arja ambjentali*

Il-metodu ta' referenza għall-kampjunar tal-karbonju elementali u tal-karbonju organiku huwa dak deskritt f'EN 12341:2014 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa $PM_{10}$ jew $PM_{2.5}$ tal-materja partikolata sospiża". Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-$NO_3^-$, tal-$SO_4^{2-}$, tas-$Cl^-$, tal-$NH_4^+$, tal-$Na^+$, tal-$K^+$, tal-$Mg^{2+}$, tas-$Ca^{2+}$ fil-$PM_{2.5}$ fl-arja ambjentali huwa dak deskritt f'EN 16913:2017 "L-arja ambjentali – Il-metodu standard għall-kejl tal-$NO_3^-$, tal-$SO_4^{2-}$, tas-$Cl^-$, tal-$NH_4^+$, tal-$Na^+$, tal-$K^+$, tal-$Mg^{2+}$, tas-$Ca^{2+}$ fil-$PM_{2.5}$ kif depożitati fil-filtri".

## B. Prova tal-ekwivalenza

1. Stat Membru jista' juża kwalunkwe metodu ieħor li jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għal kwalunkwe wieħed mill-metodi ta' referenza msemmi fil-Punt A jew, fil-każ tal-materja partikolata, kull metodu ieħor li l-Istat Membru kkonċernat jista' juri li jimmanifesta relazzjoni konsistenti mal-metodu ta' referenza. F'dak il-każ ir-riżultati miksuba b'tali metodu ieħor iridu jiġu kkoreġuti biex jinkisbu riżultati ekwivalenti għal dawk li kienu jinkisbu bl-użu tal-metodu ta' referenza.

2. Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi lill-Istati Membri jħejju u jissottomettu rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza f'konformità mal-punt 1.

3. Fil-valutazzjoni tal-aċċettabbiltà tar-rapport imsemmi fil-punt 2, il-Kummissjoni se tirreferi għall-gwida tagħha dwar il-prova tal-ekwivalenza. Meta l-Istati Membri jkunu qed jużaw fatturi *interim* biex japprossimaw l-ekwivalenza, l-ekwivalenza approssimata għandha tiġi kkonfermata jew emendata b'referenza għal dik il-gwida.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull meta jkun jixraq, il-korrezzjoni għandha tiġi applikata wkoll retroattivament għad-*data* tal-kejl tal-imgħoddi biex id-*data* tkun tista' titqabbel aħjar.

## C. Standardizzazzjoni

Għas-sustanzi niġġiesa gassużi, il-volum irid ikun standardizzat għal temperatura ta' 293 K u pressjoni atmosferika ta' 101,3 kPa. Għall-materja partikolata u s-sustanzi li għandhom jiġu analizzati fil-materja partikolata (inkluż iċ-ċomb, l-arseniku, il-kadmju u l-benżo[a]piren), il-volum tal-kampjunar jirriferi għall-kondizzjonijiet ambjentali f'termini tat-temperatura u l-pressjoni atmosferika fid-data tal-kejl.

Huma u juru li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-metodi ta' referenza elenkati fil-Punt A, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 5 għandhom jaċċettaw rapporti ta' testijiet maħruġa fi Stati Membri oħra dment li l-

laboratorji tat-testijiet ikunu akkreditati għall-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni.

Ir-rapporti tat-testijiet dettaljati u r-riżultati kollha tat-testijiet għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra jew il-korpi maħtura tagħhom. Ir-rapporti tat-testijiet għandhom juru li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-prestazzjoni anke meta xi kundizzjonijiet ambjentali u tas-sit ikunu speċifiċi għal Stat Membru u jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet li għalihom it-tagħmir ikun diġà ġie ttestjat u approvat għat-tip fi Stat Membru ieħor.

## D. Rikonoxximent reċiproku ta' *data*

Huma u juru li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-metodi ta' referenza elenkati fil-Punt A, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 5 għandhom jaċċettaw rapporti ta' testijiet maħruġa fi Stati Membri oħra dment li l-laboratorji tat-testijiet ikunu akkreditati għall-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni.

Ir-rapporti tat-testijiet dettaljati u r-riżultati kollha tat-testijiet għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra jew il-korpi maħtura tagħhom. Ir-rapporti tat-testijiet għandhom juru li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-prestazzjoni anke meta xi kundizzjonijiet ambjentali u tas-sit ikunu speċifiċi għal Stat Membru u jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet li għalihom it-tagħmir ikun diġà ġie ttestjat u approvat għat-tip fi Stat Membru ieħor.

## E. L-applikazzjonijiet ta' referenza tal-immudellar tal-kwalità tal-arja

Fin-nuqqas ta' standard CEN dwar l-objettivi tal-kwalità tal-immudellar, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-applikazzjonijiet tal-immudellar li jużaw, f'konformità mal-Anness V, it-Taqsima F.

## ANNESS VII

## MONITORAĠĠ TAL-KONĊENTRAZZJONI TAL-MASSA U TAL-KOMPOŻIZZJONI KIMIKA TAL-$PM_{2.5}$, TAS-SUSTANZI PREKURSURI TAL-OŻONU U TAL-PARTIKOLI ULTRAFINI

TAQSIMA 1 - KEJL TAL-KONĊENTRAZZJONI TAL-MASSA U KOMPOŻIZZJONI KIMIKA TAL-$PM_{2.5}$

### A. Objettivi

L-objettivi ewlenin ta' tali kejl huma li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli informazzjoni adegwata dwar il-livelli fil-postijiet bi sfond urban u dawk bi sfond rurali. Din l-informazzjoni hija essenzjali biex jiġu ġġudikati l-livelli mtejba f'żoni aktar imniġġsa (bħalma huma l-isfond urban, il-postijiet marbuta mal-industrija, il-postijiet marbuta mat-traffiku), biex jiġi vvalutat il-kontribut possibbli mit-trasport fuq medda twila ta' sustanzi niġġiesa, biex tiġi appoġġata l-analiżi tat-tqassim tas-sorsi u għall-apprezzament ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi bħall-materja partikolata. Hija wkoll essenzjali għal aktar użu ta' mmudellar f'żoni urbani wkoll.

### B. Sustanzi

Il-kejl tal-$PM_{2.5}$ irid jinkludi tal-anqas il-konċentrazzjoni tal-massa totali u l-konċentrazzjonijiet tal-komposti xierqa biex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni kimika tagħha. Tal-anqas, għandha tiġi inkluża l-lista tal-ispeċijiet kimiċi mogħtija hawn taħt.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $SO_4^{2-}$ | $Na^+$ | $NH_4^+$ | $Ca^{2+}$ | karbonju elementari (EC) |
| $NO_3^-$ | $K^+$ | $Cl^-$ | $Mg^{2+}$ | karbonju organiku (OC) |

### C. Għażla tas-sit

Il-kejl għandu jittieħed f'postijiet bi sfond urban u bi sfond rurali f'konformità mal-Anness IV.

TAQSIMA 2- KEJL TA' SUSTANZI PREKURSURI TAL-OŻONU

### A. Objettivi

L-objettivi ewlenin tal-kejl tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu huma li tiġi analizzata kwalunkwe xejra tal-prekursuri tal-ożonu, li tiġi vverifikata l-effiċjenza tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li tiġi vverifikata l-konsistenza tal-inventarji tal-emissjonijiet, li jiġi appoġġat il-fehim dwar il-formazzjoni tal-ożonu u dwar il-proċessi ta' dispersjoni tal-prekursuri, kif ukoll dwar l-applikazzjoni ta' mudelli fotokimiċi, u li jgħin biex jiġu attribwiti s-sorsi tal-emissjonijiet għall-konċentrazzjonijiet osservati ta' tniġġis.

### B. Sustanzi

Il-kejl tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu għandu jinkludi tal-anqas l-ossidi tan-nitroġenu (NO u $NO_2$), u l-komposti organiċi volatili (VOC) adatti. L-għażla tal-komposti speċifiċi

li għandhom jitkejlu, kompletati b'komposti oħra ta' interess, tiddependi fuq l-objettiv mixtieq.

(a) l-Istati Membri jistgħu jużaw il-metodu li jqisu bħala xieraq għall-objettiv mixtieq;

(b) il-metodu ta' referenza kif speċifikat fl-Anness VI japplika għad-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu;

(c) il-metodi li qed jiġu standardizzati mis-CEN għandhom jintużaw ladarba jkunu disponibbli.

Lista ta' VOC li l-kejl tagħhom huwa rakkomandat tingħata hawn taħt:

| **Familja kimika** | **Sustanza** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Isem trivjali** | **Isem IUPAC** | **Formola** | **Nru CAS** |
| Alkoħols | Metanol | Metanol | $CH_4O$ | 67-56-1 |
| | Etanol | Etanol | $C_2H_6O$ | 64-17-5 |
| Aldeid | Formaldeid | Metanal | $CH_2O$ | 50-00-0 |
| | Aċetaldeid | Etanal | $C_2H_4O$ | 75–07–0 |
| | Metakroleina | 2-Metilprop-2-enal | $C_4H_6O$ | 78-85-3 |
| Alkini | Aċetilen | Etin | $C_2H_2$ | 74-86-2 |
| Alkani | Etan | Etan | $C_2H_6$ | 74–84–0 |
| | Propan | Propan | $C_3H_8$ | 74-98-6 |
| | n-Butan | Butan | $C_4H_{10}$ | 106-97-8 |
| | i-Butan | 2-Metilpropan | $C_4H_{10}$ | 75-28-5 |
| | n-Pentan | Pentan | $C_5H_{12}$ | 109–66–0 |
| | i-Pentan | 2-Metilbutan | $C_5H_{12}$ | 78-78-4 |
| | n-Eżan | Eżan | $C_6H_{14}$ | 110-54-3 |
| | i-Eżan | 2-Metilpentan | $C_6H_{14}$ | 107-83-5 |
| | n-Ettan | Ettan | $C_7H_{16}$ | 142-82-5 |
| | n-Ottan | Ottan | $C_8H_{18}$ | 111-65-9 |
| | i-Ottan | 2,2,4-Trimetilpentan | $C_8H_{18}$ | 540-84-1 |
| Alkeni | Etilen | Eten | $C_2H_4$ | 75-21-8 |
| | Propen / Propilen | Propen | $C_3H_6$ | 115-07-1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 1,3-Butadien | Buta-1,3-dien | $C_4H_6$ | 106–99–0 |
| | 1-Buten | But-1-en | $C_4H_8$ | 106-98-9 |
| | Trans-2-Buten | (E)-but-2-en | $C_4H_8$ | 624-64-6 |
| | cis-2-Buten | (Z)-but-2-en | $C_4H_8$ | 590-18-1 |
| | 1-Penten | Pent-1-en | $C_5H_{10}$ | 109-67-1 |
| | 2-Penten | (Z)-Pent-2-en | $C_5H_{10}$ | 627-20-3 (cis-2 penten) |
| | | (E)-Pent-2-en | | 646-04-8 (trans-2 penten) |
| Idrokarburi aromatiċi | Benżen | Benżen | $C_6H_6$ | 71-43-2 |
| | Toluwen / Metilbenżen | Toluwen | $C_7H_8$ | 108-88-3 |
| | Etil benżen | Etilbenżen | $C_8H_{10}$ | 100-41-4 |
| | m + p-Ksilen | 1,3-Dimetilbenżen (m-Ksilen) | $C_8H_{10}$ | 108-38-3 (m-Ksilen) |
| | | 1,4-Dimetilbenżen (p-Ksilen) | | 106-42-3 (p-Ksilen) |
| | o-Ksilen | 1,2-Dimetilbenżen (o-Ksilen) | $C_8H_{10}$ | 95-47-6 |
| | 1,2,4-Trimetilbenżen | 1,2,4-Trimetilbenżen | $C_9H_{12}$ | 95-63-6 |
| | 1,2,3-Trimetilbenżen | 1,2,3-Trimetilbenżen | $C_9H_{12}$ | 526-73-8 |
| | 1,3,5-Trimetilbenżen | 1,3,5-Trimetilbenżen | $C_9H_{12}$ | 108-67-8 |
| Ketoni | Aċeton | Propan-2-on | $C_3H_6O$ | 67-64-1 |
| | Metil etil keton | Butan-2-on | $C_4H_8O$ | 78-93-3 |
| | Metil vinil keton | 3-Buten-2-on | $C_4H_6O$ | 78-94-4 |
| Terpeni | Isopren | 2-Metilbut-1,3-dien | $C_5H_8$ | 78-79-5 |
| | p-Ċimen | 1-Metil-4-(1-metiletil)benżen | $C_{10}H_{14}$ | 99-87-6 |
| | Limonen | 1-metil-4-(1-metiletenil)-ċikloeżen | $C_{10}H_{16}$ | 138-86-3 |
| | β-Mirċen | 7-Metil-3-metilen-1,6-ottadien | $C_{10}H_{16}$ | 123-35-3 |
| | α-Pinen | 2,6,6-Trimetil-biċiklo[3.1.1]ett-2-en | $C_{10}H_{16}$ | 80-56-8 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | β-Pinen | 6,6-Dimetil-2-metil-enbiċiklo[3.1.1]ettan | $C_{10}H_{16}$ | 127-91-3 |
| | Kamfen | 2,2-dimetil-3-metil-enbiċiklo[2.2.1]ettan | $C_{10}H_{16}$ | 79-92-5 |
| | $\Delta^3$-Karen | 3,7,7-Trimetil-biċiklo[4.1.0]ett-3-en | $C_{10}H_{16}$ | 13466-78-9 |
| | 1,8-Ċineol | 1,3,3 trimetil 2 ossabiċiklo [2,2,2]ottan | $C_{10}H_{18}O$ | 470-82-6 |

**C. Għażla tas-sit**

Il-kejl għandu jittieħed f'punti ta' kampjunar stabbiliti f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u li jitqiesu xierqa fir-rigward tal-objettivi tal-monitoraġġ imsemmija fil-Punt A ta' din it-Taqsima.

TAQSIMA 3- KEJL TA' PARTIKOLI ULTRAFINI (UFP)

**A. Objettivi**

L-objettiv ta' tali kejl huwa li jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni adegwata f'postijiet fejn iseħħu konċentrazzjonijiet għoljin ta' UFP li huma influwenzati prinċipalment minn sorsi mit-trasport bl-ajru, bl-ilma jew bit-triq (bħal ajruporti, portijiet, toroq), siti industrijali jew tisħin domestiku. L-informazzjoni għandha tkun xierqa biex tiġġudika fuq livelli msaħħa ta' konċentrazzjonijiet tal-UFP minn dawk is-sorsi.

**B. Sustanzi**

UFP.

**C. Għażla tas-sit**

Il-punti ta' kampjunar għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Annessi IV u V f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin ta' UFP u fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ.

## ANNESS VIII

## INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-PJANIJIET DWAR IL-KWALITÀ TAL-ARJA GĦAL TITJIB FIL-KWALITÀ TAL-ARJA AMBJENTALI

**A. Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 19(5)**

1. Lokalizzazzjoni ta' tniġġis żejjed

    (a) reġjun;

    (b) belt (mappa);

    (c) punt(i) ta' kampjunar (mappa, koordinati ġeografiċi).

2. Informazzjoni ġenerali

    (a) tip ta' żona (urbana, industrijali jew rurali) jew il-karatteristiċi tal-unità territorjali NUTS 1 (inkluż żoni urbani, industrijali jew rurali);

    (b) stima taż-żona mniġġsa (f'$km^2$) u tal-popolazzjoni esposta għat-tniġġis;

    (c) konċentrazzjonijiet jew indikatur tal-esponiment medju tas-sustanza niġġiesa rilevanti osservati mill-inqas 5 snin qabel il-qbiż;

3. Awtoritajiet responsabbli

    Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja.

4. Oriġini tat-tniġġis filwaqt li jitqies ir-rappurtar skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-informazzjoni pprovduta fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja

    (a) lista tas-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet responsabbli għat-tniġġis;

    (b) kwantità totali ta' emissjonijiet minn dawn is-sorsi (f'tunnellati metriċi/sena);

    (c) valutazzjoni tal-livell ta' emissjonijiet (eż. fil-livell tal-belt, reġjonali, nazzjonali, u kontributi transkonfinali);

    (d) tqassim tas-sors skont is-setturi rilevanti li jikkontribwixxu għall-qbiż fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.

5. Impatt mistenni tal-miżuri biex tintlaħaq il-konformità fi żmien 3 snin wara l-adozzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja

    (a) it-tnaqqis kwantifikat mistenni tal-konċentrazzjoni (f'$\mu g/m^3$) f'kull punt ta' kampjunar li jaqbeż il-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu jew l-indikatur tal-esponiment medju f'każ ta' qbiż tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju, mill-miżuri msemmija fil-punt 6;

    (b) sena stmata tal-konformità għal kull sustanza li tniġġes fl-arja koperta mill-pjan dwar il-kwalità tal-arja filwaqt li jitqiesu l-miżuri msemmija fil-punt 6.

6. Anness 1: Dettalji tal-kejl biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja skont il-punt 5

(a) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha stabbiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom;

(b) il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (f'tunnellati metriċi/sena) ta' kull miżura skont il-punt (a);

(c) l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull miżura u l-atturi responsabbli;

(d) stima tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni bħala konsegwenza ta' kull miżura tal-kwalità tal-arja, fir-rigward tal-qbiż ikkonċernat;

(e) lista tal-informazzjoni (inkluż ir-riżultati tal-immudellar u tal-valutazzjoni tal-miżuri) biex jintlaħaq l-istandard tal-kwalità tal-arja kkonċernat f'konformità mal-Anness I.

7. Anness 2: Aktar informazzjoni ta' sfond

(a) id-*data* klimatika;

(b) id-*data* dwar it-topografija;

(c) l-informazzjoni dwar ix-xorta ta' miri li jeħtieġu protezzjoni fiż-żona, (jekk applikabbli);

(d) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri addizzjonali kollha, li jiżvolġu l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali fi 3 snin jew aktar.

8. Anness 3: Evalwazzjoni tal-miżuri (fil-każ ta' aġġornament tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja)

(a) valutazzjoni tal-iskeda ta' żmien tal-miżuri mill-pjan preċedenti dwar il-kwalità tal-arja;

(b) stima tal-impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-miżuri mill-pjan preċedenti dwar il-kwalità tal-arja.

**B. Lista indikattiva ta' miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja**

1. Informazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tad-Direttivi msemmija fl-Artikolu 14(3), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2016/2284.

2. Informazzjoni dwar il-miżuri kollha għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li kienu kunsidrati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali għall-implimentazzjoni f'konnessjoni mal-kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja, inkluż:

(a) tnaqqis tal-emissjonijiet minn sorsi stazzjonarji billi jiġi żgurat li s-sorsi ta' kombustjoni stazzjonarji li jiniġġsu ta' daqs żgħir jew medju (inkluż għall-bijomassa) jitwaħħlilhom tagħmir għall-kontroll tal-emissjonijiet jew jinbidlu; u li l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini tittejjeb;

(b) tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi billi ssirilhom modifika retroattiva b'sistema tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero u b'tagħmir għall-kontroll tal-emissjonijiet. Għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' inċentivi ekonomiċi biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni;

(c) akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi, b'mod konformi mal-manwal dwar l-akkwist pubbliku favur l-ambjent, ta' vetturi tat-triq, karburanti u tagħmir tal-kombustjoni b'emissjonijiet żero biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

(d) miżuri biex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar u l-ġestjoni tat-traffiku (inkluż tariffi marbuta mal-konġestjoni, ħlasijiet differenti għall-ipparkjar jew inċentivi ekonomiċi oħra; l-istabbiliment ta' skemi ta' restrizzjonijiet tal-aċċess għall-vetturi urbani, inklużi żoni b'emissjonijiet baxxi);

(e) miżuri li jinkoraġġixxu bidla lejn forom ta' trasport li jniġġsu inqas;

(f) miżuri li jinkoraġġixxu bidla lejn vetturi b'emissjonijiet żero u makkinarju mhux tat-triq kemm għal applikazzjonijiet privati kif ukoll kummerċjali;

(g) miżuri biex jiġi żgurat li l-fjuwils b'emissjonijiet baxxi jingħataw preferenza f'sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;

(h) miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja minn sorsi industrijali skont id-Direttiva 2010/75/UE, u permezz tal-użu ta' strumenti ekonomiċi bħalma huma t-taxxi, l-imposti jew l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-SMEs;

(i) miżuri li jipproteġu s-saħħa tat-tfal jew ta' gruppi tal-popolazzjoni sensittivi oħra.

## ANNESS IX

## INFORMAZZJONI PUBBLIKA

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) *data* aġġornata ta' kull siegħa għal kull punt ta' kampjunar tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$), il-monossidu tal-karbonju u l-ożonu. Dan għandu japplika għall-informazzjoni mill-punti ta' kampjunar kollha meta tkun disponibbli informazzjoni aġġornata, u tal-inqas għall-informazzjoni mill-għadd minimu ta' punti ta' kampjunar meħtieġa skont l-Anness III. Meta tkun disponibbli, għandha tiġi pprovduta wkoll l-informazzjoni aġġornata li tirriżulta mill-immudellar;

   (b) konċentrazzjonijiet imkejla tas-sustanzi niġġiesa kollha ppreżentati skont il-perjodi xierqa kif stabbilit fl-Anness I;

   (c) l-informazzjoni dwar il-qabża/iet osservata/i ta' kwalunkwe valur ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, u l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju, inkluż mill-inqas:

      (i) il-post jew iż-żona tal-qbiż,

      (ii) meta beda l-qbiż u kemm dam,

      (iii) il-konċentrazzjoni mkejla meta mqabbla mal-istandards tal-kwalità tal-arja, jew mal-indikatur tal-esponiment medju f'każ li jinqabeż l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju;

   (d) informazzjoni dwar is-saħħa u l-veġetazzjoni, inkluż mill-inqas:

      (i) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa fil-popolazzjoni ġenerali,

      (ii) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa fil-gruppi vulnerabbli,

      (iii) deskrizzjoni tas-sintomi li jista' jkun hemm,

      (iv) prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu,

      (v) fejn tista' tinstab aktar informazzjoni;

   (e) informazzjoni dwar azzjonijiet preventivi biex jitnaqqas it-tniġġis u l-esponiment għalih: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkomandazzjonijiet għall-azzjonijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

   (f) informazzjoni dwar il-kampanji ta' kejl jew attivitajiet simili u r-riżultati tagħhom f'każ li jkunu twettqu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tingħata lill-pubbliku informazzjoni f'waqtha dwar qabżiet attwali jew imbassra tal-livelli limiti ta' allert, u ta' kwalunkwe livell limitu ta' informazzjoni. Id-dettalji mogħtija għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) informazzjoni dwar il-qabża/iet osservata/i:

      – il-post jew iż-żona tal-qbiż,

      – it-tip ta' livell limitu maqbuż (informazzjoni jew allert),

      – meta beda l-qbiż u kemm dam,

      – l-ogħla konċentrazzjoni f'siegħa u, barra minn hekk, l-ogħla medja tal-konċentrazzjoni fuq medda ta' tmien sigħat fil-każ tal-ożonu;

(b) tbassir għal waranofsinhar jew il-jum/jiem li ġej(jin):

- iż-żona ġeografika tal-qabżiet mistennija tal-livell limitu ta' informazzjoni u/jew ta' allert,
- il-bidla mistennija fit-tniġġis (titjib, stabbilizzazzjoni jew deterjorazzjoni), flimkien mar-raġunijiet għal dawn il-bidliet;

(c) informazzjoni dwar it-tip ta' popolazzjoni konċernata, l-effetti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa u l-imġiba rakkomandata:

- informazzjoni dwar il-gruppi mill-popolazzjoni f'riskju,
- deskrizzjoni tas-sintomi li jista' jkun hemm,
- prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu mill-popolazzjoni konċernata,
- fejn tista' tinstab aktar informazzjoni;

(d) informazzjoni dwar azzjoni preventiva biex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-esponiment għalih: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

(e) fil-każ ta' qabżiet imbassra, l-Istat Membru għandu jieħu passi biex jiżgura li tali dettalji jingħataw sal-punt prattikabbli.

3. Meta jseħħ qbiż jew meta jkun hemm riskju li jinqabeż kwalunkwe valur ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju, il-livelli limiti ta' allert jew ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija f'dan l-Anness tiġi promossa wkoll għall-pubbliku.

# ANNESS X

## Parti A

## Direttivi Mħassra flimkien ma' listi tal-emendi suċċessivi għalihom (imsemmija fl-Artikolu 30)

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3) | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109) | il-punt 3.8 tal-Anness biss |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1480<br>(ĠU L 226, 29.8.2015, p. 4) | l-Artikolu 1 biss |
| Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1) | |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1480<br>(ĠU L 226, 29.8.2015, p. 4) | l-Artikolu 2 biss |

## Parti B

## Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali (imsemmija fl-Artikolu 30)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2004/107/KE | il-15 ta' Frar 2007 |
| 2008/50/KE | il-11 ta' Ġunju 2010 |
| (UE) 2015/1480 | il-31 ta' Diċembru 2016 |

_____________

## ANNESS XI

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Din id-Direttiva | Id-Direttiva 2008/50/KE | Id-Direttiva 2004/107/KE |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1 | — | — |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 3 | L-Artikolu 32 | L-Artikolu 8 |
| L-Artikolu 4 | L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 5 | L-Artikolu 3 | — |
| L-Artikolu 6 | L-Artikolu 4 | L-Artikolu 4(1) |
| L-Artikolu 7 | L-Artikoli 5 u 9(2) | L-Artikolu 4(2), (3) u (6) |
| L-Artikolu 8 | L-Artikoli 6 u 9(1) | L-Artikoli 4(1) sa (5) u 4(8) u (10) |
| L-Artikolu 9 | L-Artikoli 7 u 10 | L-Artikolu 4(7) u (11) |
| L-Artikolu 10 | — | L-Artikolu 4(9) |
| L-Artikolu 11 | L-Artikoli 8 u 11 | L-Artikolu 4(12) u (13) |
| L-Artikolu 12 | L-Artikoli 12, 17(1) u (3) u l-Artikolu 18 | L-Artikolu 3(2) |
| L-Artikolu 13 | L-Artikoli 13, 15 u 17(1) | L-Artikolu 3(1) u (3) |
| L-Artikolu 14 | L-Artikolu 14 | — |
| L-Artikolu 15 | L-Artikolu 19 | — |
| L-Artikolu 16 | L-Artikolu 20 | — |
| L-Artikolu 17 | L-Artikolu 21 | — |
| L-Artikolu 18 | L-Artikolu 22 | |
| L-Artikolu 19 | L-Artikoli 17(2) u 23 | L-Artikolu 3(3) |
| L-Artikolu 20 | L-Artikolu 24 | — |
| L-Artikolu 21 | L-Artikolu 25 | — |
| L-Artikolu 22 | L-Artikolu 26 | L-Artikolu 7 |

| | | |
|---|---|---|
| L-Artikolu 23 | L-Artikolu 27 | L-Artikolu 5 |
| L-Artikolu 24 | L-Artikolu 28 | L-Artikolu 4(15) |
| L-Artikolu 25 | — | — |
| L-Artikolu 26 | L-Artikolu 29 | L-Artikolu 6 |
| L-Artikolu 27 | — | — |
| L-Artikolu 28 | — | — |
| L-Artikolu 29 | L-Artikolu 30 | L-Artikolu 9 |
| L-Artikolu 30 | L-Artikolu 31 | — |
| L-Artikolu 31 | — | — |
| L-Artikolu 32 | L-Artikolu 33 | L-Artikolu 10 |
| L-Artikolu 33 | L-Artikolu 34 | L-Artikolu 11 |
| L-Artikolu 34 | L-Artikolu 35 | L-Artikolu 12 |

▼ 2004/107

ANNESS IV

**Għanijiet ta' kwalità tad-*data* u ħtiġijiet għall-mudelli tal-kwalità tal-arja**

**I. GĦANIJIET TA' KWALITÀ TAD-*DATA***

L-għanijiet ta' kwalità tad-*data* li ġejjin huma provduti bħala gwida sabiex tiġi żgurata l-kwalità.

▼ 2015/1480 Art. 1 u l-Anness I.1(a)

| | Benżo(a)piren | Arseniku, kadmju u nikil | Idrokarboni aromatiċi poliċikliċi barra mill-benżo(a) piren, gassuż totali merkurju | Depożizzjoni totali |
|---|---|---|---|---|
| — Inċertezza | | | | |
| Kejl fiss u indikattiv | 50 % | 40 % | 50 % | 70 % |
| Immudellar | 60 % | 60 % | 60 % | 60 % |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| — Ġbir minimu ta' *data* | 90 % | 90 % | 90 % | 90 % |
| — Kopertura minima ta' ħin | | | | |
| Kejl fiss[5] | 33 % | 50 % | | |
| Kejl indikattiv[6][7] | 14 % | 14 % | 14 % | 33 % |

---

🡻 2004/107/KE
➔1 2015/1480 Art. 1 u l-Anness I.1(b)

L-inċertezza tal-metodi użati għall-istima tal-konċentrazzjonijiet tal-arja ambjentali (espressi f'livell ta' kunfidenza ta' 95 %) għandha tiġi stmata skont il-prinċipji tal-Gwida tas-CEN għall-Espressjoni ta' Inċertezza fil-kejl (ENV 13005-1999), il-metodoloġija tal-ISO 5725:1994, u l-gwida provduta fir-Rapport tas-CEN dwar il-Kwalità tal-Arja – Approċċ għall-inċertezza fl-istima tal-metodi ta' kejl tar-referenza tal-arja ambjentali (CR 14377:2002E). Il-persentaġġi tal-inċertezza jingħataw għal kejl individwali, li tiegħu tittieħed medja tal-ħinijiet tipiċi ta' meta jinġabru l-kampjuni, għal intervall ta' kunfidenza ta' 95 %. L-inċertezza tal-kejl għandha tiġi interpretata bħala applikabbli fir-reġjun tal-valur ta' mira xieraq. Kejl fiss u indikattiv għandu jinqasam b'mod uniformi matul is-sena kollha sabiex ikun evitat li r-riżultat li jiġi distort.

Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tad-*data* minima u tal-ħin kopert ma jinkludux it-telf ta' *data* minħabba l-ikkalibrar regolari jew il-manutenzjoni tal-istrumentazzjoni. Il-ġbir ta' kampjuni tul erbgħa u għoxrin siegħa hu meħtieġ għall-kejl ta' benzo(a)pirene u idrokarboni aromatiċi poliċikliċi oħra. Kampjuni individwali li jkunu ttieħdu matul perjodu ta' mhux aktar minn xahar jistgħu, bl-attenzjoni meħtieġa, jiġu abbinati u analizzati bħala kampjun kompost, sakemm il-metodu jkun jiżgura li l-kampjuni għal dak il-perjodu jkunu stabbli. Jista' jkun diffiċli li tirriżolvi b'mod analitiku it-tliet komposti kimiċi benzo(b)fluworantene, benzo(j)fluworantene, benzo(k)fluworantene. F'każijiet bħal dawn jistgħu jiġu rrappurtati bħala total.➔1 --- 🡸 Il-ġbir ta' kampjuni għandu jinfirex b'mod uniformi matul il-ġranet tal-ġimgħa u s-sena. Għall-kejl tar-rati ta' depożizzjoni hu rakkomandat il-ġbir ta' kampjuni kull xahar, jew kull ġimgħa matul is-sena kollha.

---

🡻 2015/1480 Art. 1 u l-Anness I.1(c)

Id-dispożizzjonijiet dwar kampjuni individwali fil-paragrafu preċedenti japplikaw ukoll għall-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-merkurju fi stat gassuż totali. Barra minn hekk, il-ġbir ta'

---

5 Imqassam matul is-sena b'mod li jkun rappreżentattiv ta' kundizzjonijiet varji fir-rigward tal-klima u l-attivitajiet antropoġeniċi

6 Imqassam matul is-sena b'mod li jkun rappreżentattiv ta' kundizzjonijiet varji fir-rigward tal-klima u l-attivitajiet antropoġeniċi

7 Il-kejl indikattiv huwa kejl li jsir b'regolarità mnaqqsa iżda li jissodisfa l-għanijiet l-oħra dwar il-kwalità tad-*data*

sottokampjuni ta' filtri $PM_{10}$ għall-metalli għal analiżi sussegwenti huwa permess, sakemm ikun hemm evidenza li s-sottokampjun huwa rappreżentattiv tal-kunsinna kollha u li ma tiġix kompromessa s-sensittività tad-detezzjoni bi tqabbil mal-objettivi rilevanti tal-kwalità tad-dejta. Bħala alternattiva għall-ġbir ta' kampjuni ta' kuljum, il-ġbir ta' kampjuni ta' kull ġimgħa għall-metalli f'$PM_{10}$ huwa permess, sakemm il-karatteristiċi ta' ġbir ma jiġux kompromessi.

---

↓ 2004/107/KE

L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' ġbir ta' kampjuni umdi minflok dik tal-massa jekk jistgħu juru li d-differenza bejniethom hi anqas minn 10 %. Ir-rati ta' depożizzjoni għandhom ġeneralment jingħataw bħala $\mu g/m^2$ għal kull ġurnata.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw reġistrazzjoni ta' ħin minimu anqas milli indikat fit-tabella iżda mhux anqas minn 14 % għal kejl fiss u 6 % għal kejl indikattiv bil-kondizzjoni li jkunu jistgħu juru li tista' tintlaħaq l-inċertezza estiża ta' 95 % għall-medja annwali, ikkalkolata mill-għanijiet tal-kwalità ta' *data* fit-tabella skont l-ISO 11222:2002 – "Id-determinazzjoni tal-inċertezza tal-medja tal-ħin tal-kejl tal-kwalità tal-arja".

## II. Ħtiġijiet għall-mudelli tal-kwalità tal-arja

Meta jintuża mudell tal-kwalità tal-arja għal skop ta' stima, għandhom jinġabru riferenzi għad-deskrizzjoni tal-mudell u għall-informazzjoni dwar l-inċertezza. L-inċertezza għall-immudellar tiġi definita bħala d-devjazzjoni massima tal-livelli ta' konċentrazzjoni mkejlin u kkalkolati, tul sena sħiħa, mingħajr ma jittieħed kont tal-ħin ta' meta dawn ġraw.

## III. Ir-rekwiżiti għal tekniki ta' stima objettivi

Fejn jintużaw tekniki ta' stima objettiva l-inċertezza ma għandhiex taqbeż il-100 %.

## IV. L-istandardizzazzjoni

Sabiex ikunu analizzati sustanzi fil-frazzjoni $PM_{10}$ il-volum tal-ġbir ta' kampjuni jirreferi għal kondizzjonijiet ambjentali.

↓ 2004/107

**~~ANNESS V~~**

**~~Il-metodi ta' referenza għall-istima tal-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali u r-rati ta' depożizzjoni~~**

↓ 2015/1480 Art. 1 u Anness I.2

**~~I.~~** ***~~IL-METODU TA' REFERENZA GĦALL-ĠBIR TA' KAMPJUNI U L-ANALIŻI TAL-ARSENIKU, IL-KADMJU U N-NIKIL FL-ARJA TAL-AMBJENT~~***

~~Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil fl-arja tal-ambjent huwa dak deskritt f'EN 12341:2014. Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil fl-arja tal-ambjent huwa dak deskritt f'EN 14902:2005 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl tal-Pb,Cd,As, u Ni fil-frazzjoni ta' PM10tal-materja partikolata sospiża".~~

~~Stat Membru jista' wkoll juża kwalunkwe metodu ieħor meta jista' jipprova li jagħtu riżultati ekwivalenti għal dak ta' hawn fuq.~~

**~~II.~~** ***~~IL-METODI TA' REFERENZA GĦALL-ĠBIR TA' KAMPJUNI U L-ANALIŻI TAL-IDROKARBURI AROMATIĊI POLIĊIKLIĊI FL-ARJA TAL-AMBJENT~~***

~~Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja tal-ambjent huwa deskritt f'EN 12341:2014. Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-benżo(a)piren fl-arja tal-ambjent huwa dak deskritt f'EN 15549:2008 "Il-kwalità tal-arja — Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-benżo(a)piren fl-arja tal-ambjent" Fin-nuqqas ta' metodu standardizzat CEN għall-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 4(8), l-Istati Membri jistgħu jużaw metodi standard nazzjonali jew metodi tal-ISO bħall-istandard tal-ISO 12884.~~

~~Stat Membru jista' wkoll juża kull metodu ieħor li hu jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għall-metodu ta' hawn fuq.~~

**~~III.~~** ***~~IL-METODI TA' REFERENZA GĦALL-ĠBIR TA' KAMPJUNI U L-ANALIŻI TAL-MERKURJU FL-ARJA TAL-AMBJENT~~***

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl ta' konċentrazzjonijiet tal-merkurju gassuż totali fl-arja tal-ambjent huwa dak deskritt f'EN 15852:2010 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għad-determinazzjoni tal-merkurju gassuż totali".~~

~~Stat Membru jista' wkoll juża kull metodu ieħor li hu jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għall-metodu ta' hawn fuq.~~

**~~IV.~~** ***~~IL-METODU TA' REFERENZA GĦALL-ĠBIR TA' KAMPJUNI U L-ANALIŻI TAD-DEPOŻIZZJONI TAL-ARSENIKU, IL-KADMJU, IL-MERKURJU, IN-NIKIL U L-IDROKARBONI AROMATIĊI POLIĊIKLIĊI~~***

~~Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil huwa dak deskritt f'EN 15841:2009 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu~~

~~standard għad-determinazzjoni tal-arseniku, il-kadmju, iċ-ċomb u n-nikil fid-depożizzjoni atmosferika".~~

~~Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-merkurju huwa dak deskritt f'EN 15853:2010 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni tal-merkurju".~~

~~Il-metodu ta' referenza għad-determinazzjoni tad-depożizzjoni ta' benżo(a)piren u l-idrokarboni poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 4(8) huwa dak deskritt f'EN 15980: 2011, "Il-kwalità tal-arja. Determinazzjoni tad-depożizzjoni ta' benż[a]antraċen, benżo[b]fluworanten, benżo[j]fluworanten, benżo[k]fluworanten, benżo[a]piren, dibenż[a,h]antraċen u indeno[1,2,3-cd]piren".~~

---

↓ 219/2009 Art. 1 u Anness 3(8)

## ~~V. IT-TEKNIKI TA' REFERENZA TA' MUDELLAR TAL-KWALITÀ TAL-ARJA~~

~~Fil-preżent it-tekniki ta' referenza ta' mudellar għall-kwalità tal-arja ma jistgħux jiġu speċifikati. Il-Kummissjoni tista' tagħmel emendi biex tadatta dan il-punt għall-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3).~~

▼ 2008/50

# ANNESS I

# OBJETTIVI TAL-KWALITÀ TAD-*DATA*

## A. L-GĦANIJIET TAL-KWALITÀ TAD-*DATA* GĦALL-ISTIMI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA TAL-AMBJENT

| | Dijossidu tal-kubrit, dijossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu u l-monossidu tal-karbonju | Benżen | Partiċelli ($PM_{10}$/$PM_{2,5}$) u ċ-ċomb | L-ożonu u NO u $NO_2$ li għandhom x'jaqsmu |
|---|---|---|---|---|
| Kejl fiss[8] | | | | |
| Inċertezza | 15 % | 25 % | 25 % | 15 % |
| Ġbir minimu tad-*data* | 90 % | 90 % | 90 % | 90 % matul is-sajf<br>75 % matul ix-xitwa |
| Kopertura minima tal-ħin: | | | | |
| — sfond urban u traffiku | — | 35 %[9] | — | — |
| — siti industrijali | — | 90 % | — | — |
| Kejl indikattiv | | | | |
| Inċertezza | 25 % | 30 % | 50 % | 30 % |
| Ġbir minimu tad- | 90 % | 90 % | 90 % | 90 % |

8 L-Istati Membri jistgħu japplikaw kejl każwali, minflok kejl kontinwu, fir-rigward tal-benżina, taċ-ċomb u ta' materja partikulata jekk ikunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li l-inċertezza, inkluża l-inċertezza dovuta għall-kampjunament każwali, tilħaq l-għan tal-kwalità ta' 25 % u l-kopertura tal-ħin xorta tkun akbar mill-kopertura minima tal-ħin għall-kejl indikattiv. Il-kampjunament każwali għandu jitqassam indaqs matul is-sena sabiex ikun evitat it-tagħwiġ tar-riżultati. L-inċertezza dovuta għall-kampjunament każwali tista' tigi determinata bil-proċedura stipulata fl-ISO 11222 (2002) "Il-kwalità tal-arja — Id-Determinazzjoni tal-Inċertezza tal-Medja tal-Ħin għall-Kejl tal-Kwalità tal-Arja". Jekk jintuża kejl każwali biex ikun stmat ir-rekwiżit tal-valur ta' limitu ta' $PM_{10}$, għandha tkun stmata l-perċentwali ta' 90,4 (li għandha tkun anqas jew ugwali għal 50 $\mu g/m^3$) minflok in-numru ta' qabżiet, li hu influwenzat ħafna mill-kopertura tad-*data*.

9 Imqassam matul is-sena b'mod li jkun rappreżentattiv tal-kondizzjonijet varji fir-rigward tal-klima u traffiku.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~*data*~~ | | | | |
| ~~Kopertura minima tal-ħin~~ | ~~14 %~~[10] | ~~14 %~~[11] | ~~14 %~~[12] | ~~≥ 10 % matul is-sajf~~ |
| ~~L-inċertezza tat-tfassil:~~ | | | | |
| ~~Fis-siegħa~~ | ~~50 %~~ | ~~—~~ | ~~—~~ | ~~50 %~~ |
| ~~Il-medji fuq tmien sigħat~~ | ~~50 %~~ | ~~—~~ | ~~—~~ | ~~50 %~~ |
| ~~Il-medji ta' kuljum~~ | ~~50 %~~ | ~~—~~ | ~~għad mhux stipulat~~ | ~~—~~ |
| ~~Il-medji annwali~~ | ~~30 %~~ | ~~50 %~~ | ~~50 %~~ | ~~—~~ |
| ~~Inċertezza tal-istima~~ | | | | |
| ~~oġġettiva~~ | ~~75 %~~ | ~~100 %~~ | ~~100 %~~ | ~~75 %~~ |

~~L-inċertezza (mogħtija f'livell ta' kunfidenza ta' 95 %) tal-metodi ta' valutazzjoni tiġi evalwata skont il-prinċipji tal-Gwida CEN għall-Espressjoni tal-Inċertezza fil-Kejl tas-CEN (ENV 13005-1999), il-metodoloġija tal-ISO 5725:1994 u l-gwida mogħtija fir-Rapport tas-CEN "Il-Kwalità tal-Arja — Approċċ lejn Stima tal-Inċertezza fir-Rigward tal-Metodi ta' Kejl ta' Referenza għall-Arja tal-Ambjent" (CR 14377:2002E). Il-perċentwali tal-inċertezza fit-tabella ta' hawn fuq huma mogħtija fir-rigward tal-kejl individwali li l-medja tiegħu tinħadem fuq il-medda tal-perjodu kkunsidrat fil-valur ta' limitu (jew valur immirat fil-każ tal-ożonu), għal intervall ta' kunfidenza ta' 95 %. L-inċertezza fir-rigward tal-kejl fiss għandha tiġi interpretata li tapplika madwar il-valur ta' limitu adatt (jew valur immirat fil-każ tal-ożonu).~~

~~L-inċertezza fir-rigward tal-mudellar hija mfissra bħala d-devjazzjoni massima tal-livelli tal-konċentrazzjoni mkejlin u kalkolati għal 90 % tal-punti individwali ta' monitoraġġ, matul il-perijodu kkunsidrat, bil-valur ta' limitu (jew valur immirat fil-każ tal-ożonu), mingħajr ma jingħata każ ta' meta ġraw l-avvenimenti. L-inċertezza fir-rigward tal-mudellar għandha tiġi interpretata li tapplika madwar il-valur ta' limitu adatt (jew valur immirat fil-każ tal-ożonu). Il-kejl fiss li għandu jiġi magħżul sabiex jitqabbel mar-riżultati tal-mudellar għandu jkun rappreżentattiv tal-iskala koperta mill-mudell.~~

~~L-inċertezza fir-rigward tal-valutazzjoni oġġettiva hija mfissra bħala d-devjazzjoni massima tal-livelli tal-konċentrazzjoni mkejlin u kalkolati, matul il-perjodu kkunsidrat, bil-valur ta'~~

[10] ~~Il-kejl fil-ġimgħa b'mod każwali, imqassma ndaqs matul is-sena, jew 8 ġimgħat imqassma ndaqs matul is-sena.~~

[11] ~~Il-kejl ta' jum fil-ġimgħa b'mod każwali, imqassam indaqs matul is-sena, jew 8 ġimgħat imqassma ndaqs matul is-sena.~~

[12] ~~Il-kejl fil-ġimgħa b'mod każwali, imqassma ndaqs matul is-sena, jew 8 ġimgħat imqassma ndaqs matul is-sena.~~

limitu (jew valur immirat fil-każ tal-ożonu), mingħajr ma jingħata każ ta' meta ġraw l-affarijiet.

Ir-rekwiżiti tal-ġbir minimu tad-*data* u l-kopertura tal-ħin ma jinkludux it-telf tad-*data* minħabba l-kalibrazzjoni regolari jew il-manteniment normali tal-istrumentazzjoni.

## B. RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

L-informazzjoni li ġejja għandha tinġabar fir-rigward taż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet li fihom jitħaddmu sorsi oħra barra l-kejl sabiex tkun supplimentata l-informazzjoni li toħroġ mill-kejl jew bħala l-mezz waħdieni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja:

– deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' valutazzjoni li jitwettqu,

– il-metodi speċifiċi li jintużaw, b'referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-metodu,

– is-sorsi tad-*data* u l-informazzjoni,

– deskrizzjoni tar-riżultati, inklużi l-inċertezzi u, partikolarment, il-kobor ta' kull żona jew, fejn ikun rilevanti, it-tul tat-triq fiż-żona jew l-agglomerazzjoni li fir-rigward tagħhom il-konċentrazzjonijiet jaqbżu kwakunkwe valur ta' limitu, valur immirat jew objettiv għal perijodu fit-tul flimkien mal-marġni ta' tolleranza, fejn japplika, u ta' kwalunkwe żona fejn il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-ogħla limitu jew l-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni,

– il-popolazzjoni potenzjalment esposta għal livelli li jaqbżu l-valur ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

---

🡻 2015/1480 Art. 2 u Anness II.1

## C. ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA TAL-AMBJENT. VALIDAZZJONI TAD-*DATA*

1. Sabiex tkun żgurata l-preċiżjoni tal-kejl u l-konformità mal-objettivi tal-kwalità tad-*data*, stipulati fit-Taqsima A, l-awtoritajiet kompetenti adatti u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 3 għandhom jiżguraw li:

(i) il-kejl kollu li jsir fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja tal-ambjent skont l-Artikoli 6 u 9 jkun traċċabbli skont ir-rekwiżiti stabbiliti tal-istandard armonizzat għal-laboratorji ta' ttestjar u kkalibrar,

(ii) l-istituzzjonijiet li jħaddmu n-networks u l-istazzjonijiet individwali jkollhom sistema stabbilita ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità li taħseb għal manutenzjoni regolari li tiżgura l-preċiżjoni kontinwa tal-apparat ta' kejl. Is-sistema tal-kwalità għandha tiġi riveduta kif meħtieġ u għall-inqas kull ħames snin mil-Laboratorju ta' Referenza Nazzjonali rilevanti

(iii) jkun stabbilit proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità/kontroll tal-kwalità fir-rigward tal-proċess tal-ġbir tad-*data* u r-rappurtar u li l-istituzzjonijiet maħtura għal dan il-kompitu jipparteċipaw b'mod attiv fil-programmi rispettivi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jkopru l-Unjoni kollha,

(iv) il-Laboratorji Nazzjonali ta' Referenza huma maħtura mill-awtorità kompetenti xierqa jew korp maħtur skont l-Artikolu 3 u huma akkreditati għall-metodi ta' referenza msemmija fl-Anness VI, għall-inqas għal dawk is-sustanzi li jniġġsu li għalihom il-konċentrazzjonjiet huma ogħla mil-limitu ta' taħt tal-

valutazzjoni, skont l-istandard rilevanti armonizzat għal-laboratorji tal-ittestjar u l-ikkalibrar, li r-referenza għalihom ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq. Dawn il-laboratorji għandhom ikunu responsabbli mill-koordinazzjoni fit-territorju tal-Istati Membri tal-programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità madwar l-Unjoni kollha li għandhom ikunu organizzati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u għandhom ikunu wkoll responsabbli biex jikkoordinaw, fuq livell nazzjonali, l-użu adegwat tal-metodi ta' referenza u t-turija tal-ekwivalenza tal-metodi li mhumiex tar-referenza. Il-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali li jorganizzaw l-interparagun fuq il-livell nazzjonali għandhom ukoll ikunu akkreditati skont l-istandard rilevanti armonizzat għall-ittestjar tal-profiċjenza.

(v) il-Laboratorji Nazzjonali ta' Referenza, jieħdu sehem għall-inqas darba kull tliet snin fil-programmi li jsiru fl-Unjoni kollha għall-assigurazzjoni tal-kwalità organizzati miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni. Jekk din il-parteċipazzjoni tipproduċi riżultati mhux sodisfaċenti, il-laboratorju nazzjonali għandu juri fil-parteċipazzjoni fl-interparagun li jkun imiss miżuri ta' rimedju sodisfaċenti, u jipprovdi rapport liċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka dwar dawn.

(vi) il-laboratorji nazzjonali ta' referenza jappoġġaw ix-xogħol magħmul min-Network Ewropew ta' Laboratorji Nazzjonali ta' Referenza stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Id-*data* kollha rrappurtata skont l-Artikolu 27 għandha titqies bħala valida minbarra *data* meqjusa bħala proviżorja.

↓ 2008/50/KE

# ANNESS II

**Id-determinazzjoni tar-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu, ta' materja partikulata ($pm_{10}$ u $pm_{2,5}$), taċ-ċomb, tal-benżina u tal-monossidu tal-karbonju fl-arja tal-ambjent f'żona jew agglomerazzjoni**

## A. L-OGĦLA LIMITI TA' VALUTAZZJONI U DAWK L-AKTAR BAXXI

Ser japplikaw l-ogħla limiti ta' valutazzjoni u dawk l-aktar baxxi li ġejjin:

### 1. Diossidu tal-kubrit

| | Protezzjoni tas-Saħħa | Il-protezzjoni tal-veġetazzjoni |
|---|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 60 % tal-valur ta' limitu fuq 24 siegħa (75 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 3 darbiet fi kwalunkwe sena kalendarja) | 60 % tal-livell kritiku għax-xitwa (12 µg/m³) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 40 % tal-valur ta' limitu fuq 24 siegħa (50 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 3 darbiet fi kwalunkwe sena kalendarja) | 40 % tal-livell kritiku għax-xitwa (8 µg/m³) |

### 2. Id-dijossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu

| | Valur ta' limitu għal kull siegħa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ($NO_2$) | Valur ta' limitu annwali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ($NO_2$) | Livell kritiku annwali għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali ($NO_x$) |
|---|---|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 70 % tal-valur ta' limitu(140 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba fi kwalunkwe sena kalendarja) | 80 % tal-valur ta' limitu (32 µg/m³) | 80 % tal-livell kritiku (24 µg/m³) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 50 % tal-valur ta' limitu(100 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba fi kwalunkwe sena kalendarja) | 65 % tal-valur ta' limitu (26 µg/m³) | 65 % tal-livell kritiku (19.5 µg/m³) |

### 3. Partikuli ($PM_{10}$/$PM_{2,5}$)

| | Il-medja fuq 24 siegħa $PM_{10}$ | Il-medja annwali $PM_{10}$ | Il-medja annwali $PM_{2,5}$ [13] |
|---|---|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 70 % tal-valur ta' limitu(35 µg/$m^3$, li ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darba fi kwalunkwe sena kalendarja) | 70 % tal-valur ta' limitu (28 µg/$m^3$) | 70 % tal-valur ta' limitu (17 µg/$m^3$) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 50 % tal-valur ta' limitu(25 µg/$m^3$, li ma għandux jinqabeż aktar minn 35-il darba fi kwalunkwe sena kalendarja) | 50 % tal-valur ta' limitu (20 µg/$m^3$) | 50 % tal-valur ta' limitu (12 µg/$m^3$) |

### 4. Ċomb

| | Il-medja annwali |
|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 70 % tal-valur ta' limitu (0.35 µg/$m^3$) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 50 % tal-valur ta' limitu (0.25 µg/$m^3$) |

### 5. Benżina

| | Il-medja annwali |
|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 70 % tal-valur ta' limitu (3.5 µg/$m^3$) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 40 % tal-valur ta' limitu (2 µg/$m^3$) |

### 6. Il-Monossidu tal-Karbonju

| | Il-medja fuq tmien sigħat |
|---|---|
| L-ogħla limitu ta' valutazzjoni | 70 % tal-valur ta' limitu (7 mg/$m^3$) |
| L-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni | 50 % tal-valur ta' limitu (5 mg/$m^3$) |

13 L-ogħla limitu ta' valutazzjoni stabbilit u dak l-aktar baxx għall-$PM_{2,5}$ ma japplikawx għall-kejl sabiex tiġi stmata l-osservanza mal-mira għat-tnaqqis tal-espożizzjoni ta' $PM_{2,5}$ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin.

🡻 2008/50/KE

ANNESS III

**Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja tal-ambjent u l-lok tal-punti ta' kampjunament għall-kejl tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu, ta' materja partikulata ($PM_{10}$ u $PM_{2,5}$), taċ-ċomb, tal-benżina u tal-monossidu tal-karbonju fl-arja tal-ambjent**

A. ĠENERALI

Il-kwalità tal-arja fl-ambjent għandha tiġi valutata f'żoni u agglomerazzjonijiet skont il-kriterji li ġejjin:

1. Il-kwalità tal-arja fl-ambjent għandha tiġi valutata fil-postijiet kollha ħlief dawk stabbiliti fil-paragrafu 2, skont il-kriterji stabbiliti mit-Taqsimiet B u Ċ għall-post ta' punti ta' kampjunament għall-kejl fiss. Il-prinċipji stabbiliti bit-Taqsimiet B u Ċ għandhom japplikaw ukoll sakemm dawn huma rilevanti fl-identifikazzjoni tal-postijiet speċifiċi li fihom il-konċentrazzjoni ta' sustanzi li jniġġsu rilevanti huma stabbiliti fejn il-kwalità tal-arja fl-ambjent hija valutata minn kejl indikattiv jew ta' mudellar.

2. Konformità mal-valuri ta' limitu diretti lejn il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem m'għandhiex tiġi valutata fil-postijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe post li jinsab f'żoni fejn il-pubbliku m'għandux aċċess u fejn m'hemmx abitazzjoni fissa;

(b) skont l-Artikolu 2(1), dwar il-bini tal-fabbriki jew fi stallazzjonijiet industrijali li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha rigward is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

(c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għall-persuni mexjin għar-riżerva ċentrali.

B. GĦAŻLA TAS-SIT FUQ SKALA MAKRO TAL-PUNTI TA' KAMPJUNAMENT

1. Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem

(a) Il-punti ta' kampjunament maħsuba għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandhom jitpoġġew f'lok b'mod li tiġi provduta *data* dwar dan li ġej:

– il-partijiet fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn ikun hemm l-ogħla konċentrazzjonijiet li l-popolazzjoni hija mistennija li tkun esposta għalihom, direttament jew indirettament, għal perjodu li jkun sinifikanti fir-rigward tal-perijodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu(i);

– il-livelli f'partijiet oħra fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li jkunu rappreżentattivi tal-espożizzjoni tal-popolazzjoni ġenerali.

(b) Il-punti ta' kampjunament ġeneralment għandhom jitpoġġew b'mod li jiġi evitat il-kejl ta' mikroambjenti żgħar ħafna fil-viċinat immedjat tal-punti, li jfisser li punt ta' kampjunament għandu jitqiegħed b'tali mod li l-arja li tagħha jittieħdu l-kampjuni tirrappreżenta l-kwalità tal-arja f'segment ta' triq ta' mhux anqas minn 100 m fit-tul f'siti bit-traffiku u tal-anqas 250 m × 250 m f'siti industrijali, fejn ikun fattibbli.

(c) Il-postijiet bi sfond urban għandhom jitpoġġew b'mod li l-livell ta' tniġġis tagħhom ikun influwenzat mill-kontribut integrat tas-sorsi kollha fid-direzzjoni favur ir-riħ tal-istazzjon. Il-livell ta' tniġġis ma għandux ikun iddominat minn sors wieħed sakemm din is-sitwazzjoni ma tkunx tipika ta' żona urbana akbar. Il-punti ta' kampjunament għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu rappreżentattivi għal bosta kilometri kwadri;

(d) Fejn l-objettiv ikun li jiġu stmati livelli bi sfond rurali, il-punt ta' kampjunament ma għandux ikun influwenzat minn agglomerazzjonijiet jew siti industrijali fil-qrib, jiġifieri, siti eqreb minn ħames kilometri.

(e) Meta jridu jiġu stmati l-kontributi minn sorsi industrijali, tal-anqas punt wieħed ta' kampjunament għandu jkun installat bir-riħ minn wara s-sors fl-eqreb żona residenzjali. Fejn il-konċentrazzjoni fl-isfond ma tkunx magħrufa, għandu jitqiegħed punt addizzjonali ta' kampjunament fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ.

(f) Il-punti ta' kampjunament għandhom, kemm jista' jkun, ikunu rappreżentattivi wkoll ta' postijiet simili mhux fil-viċinat immedjat tagħhom.

(g) Għandu jittieħed kont tal-ħtieġa li jinstabu punti ta' kampjunament fuq gżejjer fejn dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

2. Protezzjoni ta' veġetazzjoni u ta' ekosistemi naturali

Il-punti ta' kampjunament maħsuba għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali għandhom jitqiegħdu aktar minn 20 km lil hinn mill-agglomerazzjonijiet jew aktar minn 5 km lil hinn minn meded oħra mibnija, installazzjonijiet industrijali jew awtostradi jew toroq prinċipali b'għadd ta' traffiku ta' aktar minn 50 000 vettura kuljum, li jfisser li punt ta' kampjunament għandu jitqiegħed b'tali mod li l-arja li tagħha jittieħdu kampjuni tkun rappreżentattiva tal-kwalità tal-arja f'żona ta' kobor ta' mill-anqas 1 000 km². Stat Membru jista' jipprovdi għal punt ta' kampjunament li jkun imqiegħed f'distanza aqsar jew li jkun rappreżentattiv tal-kwalità tal-arja f'medda anqas kbira, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet ġeografiċi jew tal-opportunitajiet sabiex jiġu protetti żoni partikolarment vulnerabbli.

Għandu jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi stmata l-kwalità tal-arja fuq il-gżejjer.

## C. GĦAŻLA TAS-SIT FUQ SKALA MAKRO TAL-PUNTI TA' KAMPJUNAMENT

Sa fejn ikun prattikabbli, għandu japplika dan li ġej:

---

🡻 2015/1480 Art. 2 u Anness II.2(a)

– il-fluss madwar is-sonda kampjunarja tad-dħul ma għandux ikun imfixkel (b'mod ġenerali jkun ħieles f'ark ta' mill-anqas 270° jew 180° għall-punti tal-ġbir ta' kampjuni fil-linja tal-bini) bla ebda xkiel għall-fluss tal-arja qrib id-dħul (normalment xi ftit metri lil hinn mill-bini, il-gallariji, is-siġar u xkiel ieħor u tal-anqas 0,5 m mill-eqreb bini fil-każ ta' punti ta' ġbir ta' kampjuni li jirrappreżentaw il-kwalità tal-arja fil-linja tal-bini),

– b'mod ġenerali, il-punt tad-dħul fejn isir il-ġbir ta' kampjun għandu jkun ta' bejn 1,5 m (iż-żona tan-nifs) u 4 m 'il fuq mill-art. Għażla ta' siti aktar fl-għoli tista' tkun xierqa jekk l-istazzjon ikun jirrappreżenta żona kbira u kull deroga għandha tiġi dokumentata bis-sħiħ,

↓ 2008/50/KE

– is-sonda tad-dħul ma għandhiex titqiegħed fil-qrib immedjat tal-għejun sabiex jiġi evitat id-dħul dirett ta' emissjonijiet mhux imħallta mal-arja tal-ambjent,

– il-ħruġ tal-exhaust minn ġewwa l-apparat kampjunarju għandu jkun f'pożizzjoni b'mod li tiġi evitata ċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-arja tal-exhaust għal ġod-dħul tal-apparat kampjunarju,

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.2(a)

– ħas-sustanzi li jniġġsu kollha, is-sondi kampjunarji f'siti bit-traffiku għandhom ikunu mill-anqas 25 m mit-tarf tas-slalep it-toroq ewlenin u mhux aktar minn 10 m mill-bankina. "Salib it-toroq" li għandu jiġi kkunsidrat hawnhekk huwa salib it-toroq li jinterrompi l-fluss tat-traffiku u jikkawża emissjonijiet differenti (stop&go) mill-bqija tat-triq.

↓ 2008/50/KE

Il-fatturi li ġejjin jistgħu jitqiesu wkoll:

– sorsi li jiddisturbaw,

– sigurtà,

– aċċess,

– disponibbiltà ta' elettriku u komunikazzjonijiet telefoniċi,

– viżibbiltà tas-sit fir-rigward tal-madwar tiegħu,

– is-sigurtà tal-pubbliku u l-operaturi,

– l-interess li l-postijiet għall-kampjunament ta' sustanzi li jniġġsu differenti jkunu ppustjati flimkien,

– rekwiżiti ta' ppjanar.

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.2(a)

kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji elenkati f'din it-Taqsima għandha tkun ddokumentata b'mod sħiħ permezz tal-proċeduri deskritti fit-Taqsima D.

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.2(b)

## D. DOKUMENTAZZJONI U REVIŻJONI TAL-GĦAŻLA TAS-SITI

L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha għandhom jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-għażla tas-sit u jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-għażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi ritratti compass-point

taż-żona madwar is-siti ta' monitoraġġ u mapep iddettaljati. Fejn jintużaw metodi supplementari ġewwa żona jew agglomerazzjoni, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dettalji ta' dawn il-metodi u informazzjoni dwar kif jiġu sodisfatti l-kriterji elenkati fl-Artikolu 7(3). Id-dokumentazzjoni għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ u riveduta talinqas kull ħames (5) snin, biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' għażla, id-disinn tan-network u l-postijiet fejn isir il-monitoraġġ tas-siti jibqgħu validi u l-aħjar li jista' jkun tul iż-żmien. Id-dokumentazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni fi żmien tliet (3) xhur minn meta tintalab.

---

↓ 2008/50

ANNESS IV

KEJL F'POSTIJIET BI SFOND RURALI IRRISPETTIVAMENT MILL-KONĊENTRAZZJONI

## A. Objettivi

L-objettivi prinċipali ta' tali kejl huma li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbiltà tal-informazzjoni adegwata dwar il-livelli fl-isfond. Din l-informazzjoni hija essenzjali sabiex jiġu ġġudikati l-livelli mtejba f'żoni aktar imniġġsa (bħalma huma l-isfond urban, postijiet marbuta ma' l-industrija, postijiet marbuta mat-traffiku), li jiġi stmat il-kontribut possibbli mit-trasport fuq medda twila ta' sustanzi li jniġġsu tal-arja, li tiġi appoġġata l-analiżi tat-tqassim tas-sorsi u għall-apprezzament ta' sustanzi li jniġġsu speċifiċi bħall-materja partikulata. Hija wkoll essenzjali għal aktar użu ta' mudellar f'żoni urbani wkoll.

## B. Sustanzi

Il-kejl tal-$PM_{2,5}$ għandu jinkludi tal-anqas il-massa totali tal-konċentrazzjoni u l-konċentrazzjonijiet tal-komposti adatti li jikkaratterizzaw l-għamla kimika tiegħu. Tal-anqas, għandha tiġi inkluża l-lista tal-ispeċi kimiċi mogħtija hawn taħt.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $SO_4^{2-}$ | $Na^+$ | $NH_4^+$ | $Ca^{2+}$ | karbonju elementari (EC) |
| $NO_3^-$ | $K^+$ | $Cl^-$ | $Mg^{2+}$ | karbonju organiku (OC) |

## C. Għażla tas-sit

Il-kejl għandu jittieħed b'mod partikolari f'żoni bi sfond rurali skond il-partijiet A, B, u Ċ tal-Anness III.

▼ 2008/50

# ~~ANNESS V~~

## ~~Il-kriterji għad-determinazzjoni tan-numri minimi ta' punti ta' kampjunament għall-kejl fiss tal-konċentrazzjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu, ta' materja partikulata ($PM_{10}$, $PM_{2,5}$), taċ-ċomb, tal-benżina u tal-monossidu tal-karbonju fl-arja tal-ambjent~~

~~A. In-numru minimu ta' postijiet ta' kampjunament għall-kejl fiss sabiex tiġi valutata l-konformità mal-valuri ta' limitu mmirati għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem f'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-kejl fiss ikun l-uniku għajn ta' informazzjoni~~

~~1. Sorsi mxerrda~~

| ~~Il-popolazzjoni tal-agglomerazzjoni jew taż-żona (eluf)~~ | ~~Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jaqbżu l-ogħla limitu ta' valutazzjoni~~[14] | | ~~Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jinsabu bejn l-ogħla limiti ta' valutazzjoni u dawk l-aktar baxxi~~ | |
|---|---|---|---|---|
| | ~~Sustanzi li jniġġsu ħlief PM~~ | ~~PM~~[15] ~~(somma tal-$PM_{10}$ u tal-$PM_{2,5}$)~~ | ~~Sustanzi li jniġġsu ħlief PM~~ | ~~PM~~[16] ~~(somma tal-$PM_{10}$ u tal-$PM_{2,5}$)~~ |
| ~~0-249~~ | ~~1~~ | ~~2~~ | ~~1~~ | ~~1~~ |
| ~~250-499~~ | ~~2~~ | ~~3~~ | ~~1~~ | ~~2~~ |
| ~~500-749~~ | ~~2~~ | ~~3~~ | ~~1~~ | ~~2~~ |
| ~~750-999~~ | ~~3~~ | ~~4~~ | ~~1~~ | ~~2~~ |
| ~~1000-1499~~ | ~~4~~ | ~~6~~ | ~~2~~ | ~~3~~ |
| ~~1500-1999~~ | ~~5~~ | ~~7~~ | ~~2~~ | ~~3~~ |

---

14 ~~Għall-ossidu tan-nitroġenu, materja partikulata, benżina u monossidu tal-karbonju: iridu jkunu inklużi tal-anqas stazzjon wieħed għall-istudju tal-isfond urban u stazzjon wieħed orjentat lejn it-traffiku, sakemm dan ma jżidx l-għadd ta' punti ta' kampjunament. Għal dawn is-sustanzi li jniġġsu, l-għadd totali ta' stazzjonijiet għall-istudju tal-isfond urban u l-għadd totali ta' stazzjonijiet orjentati lejn it-traffiku fi Stat Membru taħt Taqsima A(1) ma għandux ivarja b'aktar minn fattur ta' 2. Il-postijiet ta' kampjunament b'qabżiet tal-valur ta' limitu għall-$PM_{10}$ f'dawn l-aħħar tliet snin għandhom jinżammu sakemm ma tkunx meħtieġa xi rilokazzjoni minħabba ċirkustanzi speċjali, b'mod partikulari l-iżvilupp fl-ispazju.~~

15 ~~Fejn il-$PM_{2,5}$ u l-$PM_{10}$ jitkejlu skond l-Artikolu 8 fl-istess stazzjon ta' monitoraġġ, dawn għandhom jgħoddu bħala żewġ punti separati ta' kampjunament. In-numru totali tal-punti ta' kampjunament tal-$PM_{2,5}$ u l-$PM_{10}$ fi Stat Membru meħtieġ taħt it-Taqsima A(1) m'għandux ivarja b'aktar minn fattur ta' 2, u n-numru tal-punti ta' kampjunament tal-$PM_{2,5}$ f'ambjenti bi sfond urban ta' agglomerazzjonijiet u żoni urbani għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti taħt it-Taqsima B tal-Anness V.~~

16 ~~Fejn il-$PM_{2,5}$ u l-$PM_{10}$ jitkejlu skond l-Artikolu 8 fl-istess stazzjon ta' monitoraġġ, dawn għandhom jgħoddu bħala żewġ punti separati ta' kampjunament. In-numru totali tal-punti ta' kampjunament tal-$PM_{2,5}$ u l-$PM_{10}$ fi Stat Membru meħtieġ taħt it-Taqsima A(1) m'għandux ivarja b'aktar minn fattur ta' 2, u n-numru tal-punti ta' kampjunament tal-$PM_{2,5}$ f'ambjenti bi sfond urban ta' agglomerazzjonijiet u żoni urbani għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti taħt it-Taqsima B tal-Anness V.~~

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~2000-2749~~ | ~~6~~ | ~~8~~ | ~~3~~ | ~~4~~ |
| ~~2750-3749~~ | ~~7~~ | ~~10~~ | ~~3~~ | ~~4~~ |
| ~~3750-4749~~ | ~~8~~ | ~~11~~ | ~~3~~ | ~~6~~ |
| ~~4750-5999~~ | ~~9~~ | ~~13~~ | ~~4~~ | ~~6~~ |
| ~~≥ 6000~~ | ~~10~~ | ~~15~~ | ~~4~~ | ~~7~~ |

**~~2. Siti ta’ emissjoni~~**

~~Għall-istima tat-tniġġis qrib sorsi ta’ emissjoni, l-għadd ta’ postijiet fejn jinġabru l-kampjuni għall-kejl fiss għandu jiġi ddeterminat billi jittieħed kont tad-densitajiet tal-emissjonijiet, tax-xejriet probabbli tad-distribuzzjoni tat-tniġġis tal-arja ambjentali u tal-esposizzjoni potenzjali tal-popolazzjoni.~~

~~B. In-numru minimu tal-punti ta’ kampjunament għall-kejl fiss sabiex tiġi valutata l-konformità mal-mira għat-tnaqqis tal-espożizzjoni ta’ $PM_{2,5}$ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem~~

~~Għal dan il-għan, għandu jintuża punt wieħed ta’ kampjunament għal kull miljun abitant maħdum fuq agglomerazzjonijiet u żoni urbani addizzjonali li jaqbżu l-100000 abitant. Dawk il-punti ta’ kampjunament jistgħu jkunu l-istess punti ta’ kampjunament taħt it-Taqsima A.~~

~~C. In-numru minimu tal-punti ta’ kampjunament għall-kejl fiss sabiex tiġi valutata l-konformità tal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni f’żoni li mhumiex agglomerazzjonijiet~~

| | |
|---|---|
| ~~Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jaqbżu l-ogħla limitu ta’ valutazzjoni~~ | ~~Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jkunu bejn l-ogħla limitu ta’ valutazzjoni u dak l-aktar baxx~~ |
| ~~Stazzjon wieħed kull 20 000 $km^2$~~ | ~~Stazzjon wieħed kull 40 000 $km^2$~~ |

~~F’żoni li huma gżejjer, in-numru tal-punti ta’ kampjunament għall-kejl fiss għandu jiġi kalkolat b’kont meħud tax-xejriet probabbli ta’ distribuzzjoni tat-tniġġis tal-arja tal-ambjent u l-espożizzjoni potenzjali tal-veġetazzjoni.~~

↓ 2008/50/KE

~~ANNESS VI~~

~~**Metodi ta' referenza għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossidi tan-nitroġenu, ta' materja partikulata (pm10 u pm2,2.5), taċ-ċomb, tal-benżina, tal-monossidu tal-karbonju u tal-ożonu**~~

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(a)

~~**A. IL-METODI TA' REFERENZA GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET TAD-DIJOSSIDU TAL-KUBRIT, TAD-DIJOSSIDU TAN-NITROĠENU U TAL-OSSIDI TAN-NITROĠENU, TAL-MATERJA PARTIKULATA ($PM_{10}$ U $PM_{2,5}$), TAĊ-ĊOMB, TAL-BENŻINA, TAL-MONOSSIDU TAL-KARBONJU U TAL-OŻONU**~~

~~**1. Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-konċentrazzjoni tad-dijossidu tal-kubrit**~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl tad-dijossidu tal-kubrit huwa dak deskritt f'EN 14212:2012 'Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl tad-dijossidu tal-kubrit bil-fluworexxenza ultravjola'.~~

~~**2. Il-metodu ta' referenza għall-kejl tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu**~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu huwa dak deskritt f'EN 14211:2012 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-monossidu tan-nitroġenu bil-kemiluminixxenza".~~

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(a) emendati bil-Corrigendum, ĠU L 072, 14.3.2019, p. 141

~~**3. Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl taċ-ċomb**~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni taċ-ċomb huwa dak deskritt fit-Taqsima A(4) ta' dan l-Anness. Il-metodu ta' referenza għall-kejl taċ-ċomb huwa dak deskritt fl-EN 14902:2005 "Il-metodu standard għall-kejl tal-Pb/Cd/As/Ni fil-frazzjoni ta' $PM_{10}$ tal-materja partikolata sospiża".~~

↓ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(a)

~~**4. Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl tal-PM10**~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl tal-$PM_{10}$ huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja tal-ambjent — il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa tal-materja partikolata sospiża tal-$PM_{10}$ jew tal-$PM_{2,5}$".~~

~~5. Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl tal-$PM_{2,5}$~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl tal-$PM_{2,5}$ huwa dak deskritt f'EN12341:2014 "L-arja tal-ambjent — Il-metodu standard ta' kejl gravimetriku għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-massa tal-materja partikolata sospiża tal-$PM_{10}$ jew tal-$PM_{2,5}$".~~

---

| ➔ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(a) emendati bil-Corrigendum, ĠU L 072, 14.3.2019, p. 141 |
|---|

~~6. Il-metodu ta' referenza għall-ġbir ta' kampjuni u għall-kejl tal-benżen~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-benżen huwa dak deskritt fl-EN 14662:2005, il-partijiet 1, 2 u 3 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl ta' konċentrazzjonijiet tal-benżen".~~

---

| ➔ 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(a) |
|---|

~~7. Metodu ta' referenza għall-kejl tal-monossidu tal-karbonju~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-monossidu tal-karbonju huwa dak deskritt f'EN 14626:2012 "Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-monossidu tal-karbonju bl-ispettroskopija infraħamra mhux dispersiva".~~

~~8. Metodu ta' referenza għall-kejl tal-ożonu~~

~~Il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-ożonu huwa dak deskritt f'EN 14625:2012 'Il-kwalità tal-arja tal-ambjent — Il-metodu standard għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-ożonu bil-fotometrija ultravjola'.~~

---

| ➔ 2008/50/KE |
|---|

~~B. PROVA TAL-EKWIVALENZA~~

~~1. Stat Membru jista' juża kwalunkwe metodu ieħor li jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għal kwalunkwe mill-metodi msemmija fit-Taqsima A jew, fil-każ tal-partikuli, kull metodu ieħor li l-Istat Membru kkonċernat jista' juri li jimmanifesta relazzjoni konsistenti mal-metodu ta' referenza. F'dak il-każ ir-riżultati miksuba b'dak il-metodu għandhom jiġu korretti sabiex jinkisbu riżultati ekwivalenti għal dawk li kienu jinkisbu bl-użu tal-metodu ta' referenza.~~

~~2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jħejju u jippreżentaw rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza skonzt il-paragrafu 1.~~

~~3. Fil-valutazzjoni tal-aċċettibbiltà tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tagħmel referenza għall-gwida tagħha dwar it-turija ta' ekwivalenza (li għandha tiġi pubblikata). Fejn l-Istati Membri kienu qegħdin jużaw fatturi temporanji sabiex japprossimaw l-ekwivalenza, dawn tal-aħħar għandhom jiġu kkonfermati u/jew emendati b'referenza għall-gwida tal-Kummissjoni.~~

~~4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kulfejn ikun jixraq, il-korrezzjoni għandha tiġi applikata wkoll retroattivament għal *data* ta' kejl tal-imgħoddi sabiex id-*data* tkun tista' titqabbel aħjar.~~

## ~~C. STANDARDIZZAZZJONI~~

~~Għas-sustanzi li jniġġsu taħt forma ta' gass il-volum għandu jkun standardizzat għal temperatura ta' 293 K u pressjoni atmosferika ta' 101,3 kPa. Għall-partikuli u s-sustanzi li għandhom jiġu analizzati fil-partikuli (eż. Iċ-ċomb) il-volum tal-kampjun jirriferi għall-kondizzjonijiet tal-ambjent f'termini ta' temperatura u pressjoni atmosferika fid-*data* tal-kejl.~~

## ~~E. RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' *DATA*~~

---

🡻 2015/1480 Art. 2 u Anness II.3(c)

~~Huma u juru li t-tagħmir huwa konformi mar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-metodi ta' referenza elenkati fit-Taqsima A ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi maħtura skont l-Artikolu 3 għandhom jaċċettaw rapporti ta' testijiet maħruġa fi Stati Membri oħra dment li l-laboratorji tat-testijiet huma akkreditati għall-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni.~~

~~Ir-rapporti tat-testijiet dettaljati u r-riżultati kollha tat-testijiet għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra jew il-korpi maħtura tagħhom. Ir-rapporti tat-testijiet għandhom juru li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti tal-prestazzjoni inkluż fejn xi kundizzjonijiet tas-sit u tal-ambjent huma speċifiċi għal xi Stat Membru u huma 'l barra mill-kundizzjonijiet li għalihom it-tagħmir ġie diġà ttestjat u approvat għat-tip fi Stat Membru ieħor.~~

↓ 2008/50/KE

# ANNESS VII

## VALURI MMIRATI GĦALL-OŻONU U OBJETTIVI GĦALL-PERIJODU FIT-TUL

### A. DEFINIZZJONIJIET U KRITERJI

### 1. Definizzjonijiet

AOT40 (mogħtija bħala (µg/m$^3$) · sigħat) tfisser it-total tad-differenza bejn il-konċentrazzjonijiet fis-siegħa ogħla minn 80 µg/m$^3$ (= 40 parti fil-biljun) u 80 µg/m$^3$ fuq perijodu stipulat, bl-użu biss tal-valuri fis-siegħa mkejla bejn it-8:00 u t-20:00, Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET) kuljum.

### 2. Kriterji

Il-kriterji li ġejjin għandhom jintużaw sabiex tiġi vverifikata l-validità meta d-*data* tiġi miġbura flimkien u jiġu kalkolati l-parametri statistiċi:

| Parametru | Proporzjon meħtieġ ta' *data* valida |
|---|---|
| Valuri fuq siegħa | 75 % (i.e. 45 minuta) |
| Valuri fuq 8 sigħat | 75 % tal-valuri (i.e. 6 sigħat) |
| Il-medja massima tas-sigħat kuljum mill-valuri fis-siegħa għal 8 sigħat from hourly running 8 hours | 75 % tal-medji għal kull siegħa fuq 8 sigħat (i.e. 188 medji ta' siegħa kuljum) |
| AOT40 | 90 % tal-valuri fuq siegħa fuq il-perjodu ta' żmien stipulat għall-kalkolu tal- valur tal-AOT40[17] |
| Medja annwali | 75 % tal-valuri fuq siegħa matul l-istaġun tas-sajf (minn April sa Settembru) u 75 % matul l-istaġun tax-xitwa (minn Jannar sa Marzu, minn Ottubru sa Diċembru) separatament |
| In-numru ta' qabżiet u valuri massimi kull xahar | 90 % tal-valuri medji fuq massimu ta' 8 sigħat ta' kuljum (27 valur ta' kuljum disponibbli kull xahar) |

[17] F'każijiet meta ma tkunx disponibbli d-*data* kollha mkejla possibbli, għandu jintuża l-fattur li ġej sabiex jiġu kalkolati l-valuri tal-AOT40:

| | |
|---|---|
| $AOT40_{stima}$ = $AOT40_{imkejjel}$ × | in-numru totali ta' sigħat possibbli (*) |
| | in-numri ta' valuri mkejla fis-siegħa |

(*) li huwa n-numru ta' sigħat fil-perijodu ta' ħin tad-definizzjoni tal-AOT40, (jiġifieri mit-08:00 sat-20:00 CET mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju kull sena, għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u mill 1 ta' April sat-30 ta' Settembru kull sena għall-protezzjoni tal-foresti).

| | |
|---|---|
| | 90 % tal-valuri ta' siegħa bejn it-8:00 u t-20:00 CET |
| In-numru ta' qabżiet u valuri massimi kull sena | ħamsa minn sitt xhur matul l-istaġun tas-sajf (minn April sa Settembru) |

## B. VALURI MMIRATI

| Objettiv | Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur immirat | Id-data sa meta jrid jintlaħaq il-valur immirat[18] |
|---|---|---|---|
| Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem | Medja massima kuljum fuq medda ta' 8 sigħat[19] | 120 µg/m$^3$ li ma għandux jinqabeż għal aktar minn 25 jum fis-sena kalendarja fuq medja ta' tliet snin[20] | 1.1-2010 |
| Il-protezzjoni tal-veġetazzjoni | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (kalkolat mill-valuri fis-siegħa)<br>18 000 µg/m$^3$ · h fuq medja ta' ħames snin[21] | 1.1-2010 |

18 Il-konformità mal-valuri mmirati għandha tiġi valutata minn din id-data. Jiġifieri, 2010 għandha tkun l-ewwel sena li tintuża d-*data* sabiex tiġi kkalkolata l-konformità matul it-tliet jew ħames snin li jsegwu, skont kif ikun il-każ.

19 Il-medja tal-konċentrazzjoni massima kuljum fuq medda ta' 8 sigħat għandha tintgħażel bl-eżami tal-medji fuq 8 sigħat, kalkolati mid-*data* fuq kull siegħa u aġġornati kull siegħa. Kull medja fuq 8 sigħat kalkolata b'dan il-mod għandha tiġi assenjata għall-jum meta tagħlaq. jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe jum ikun il-perijodu mill-17:00 tal-jum ta' qabel sas-01:00 ta' dakinhar; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għall kwalunkwe jum ikun il-perjodu mill-16:00 sa 24:00 ta' dakinhar.

20 Jekk il-medji fuq tliet jew ħames snin ma jistgħux ikunu determinati fuq bażi ta' ġabra ta' *data* annwali sħiħa u konsekuttiva, id-*data* annwali minima meħtieġa għall-verifika tal-konformità mal-valuri mmirati tkun kif ġej:

– fir-rigward tal-valur immirat għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem: id-*data* valida għal sena;

– fir-rigward tal-valur immirat għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni: id-*data* valida għal tliet snin.

–

21 Jekk il-medji fuq tliet jew ħames snin ma jistgħux ikunu determinati fuq bażi ta' ġabra ta' *data* annwali sħiħa u konsekuttiva, id-*data* annwali minima meħtieġa għall-verifika tal-konformità mal-valuri mmirati tkun kif ġej:

– fir-rigward tal-valur immirat għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem: id-*data* valida għal sena;

– fir-rigward tal-valur immirat għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni: id-*data* valida għal tliet snin.

–

## ~~C. OBJETTIVI GĦALL-PERJODU FIT-TUL~~

| ~~Objettiv~~ | ~~Perjodu li fuqu tinħadem il-medja~~ | ~~Objettiv għall-perjodu fit-tul~~ | ~~Id-data sa meta jrid jintlaħaq l-objettiv għal perjodu twil ta' żmien~~ |
|---|---|---|---|
| ~~Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem~~ | ~~Medja massima kuljum fuq medda ta' 8 sigħat f'kull sena kalendarja~~ | ~~120 µg/m$^3$~~ | ~~Mhux definit~~ |
| ~~Il-protezzjoni tal-veġetazzjoni~~ | ~~Minn Mejju sa Lulju~~ | ~~AOT40, (kalkolat minn valuri fuq siegħa) 6000 µg/m$^3$ · h~~ | ~~Mhux definit~~ |

| ➔ 2008/50 |
|---|

**ANNESS VIII**

**Kriterji għall-klassifikazzjoni u l-għażla tal-postijiet tal-punti ta' kampjunament għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-ożonu**

Dan li ġej għandu japplika għall-kejl fiss:

**A. GĦAŻLA TAS-SIT FUQ SKALA MAKRO**

| Xorta ta' stazzjon | Objettivi tal-kejl | Rappreżentattività[22] | Kriterji għall-għażla tas-sit fuq skala makro |
|---|---|---|---|
| Urban | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem: biex jiġi valutat l-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għall-ożonu, jiġifieri meta d-densità tal-popolazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-ożonu jkunu relattivament għolja u jirrappreżentaw l-espożizzjoni tal-popolazzjoni ġenerali | Ftit $km^2$ | Lil hinn mill-influwenza tal-emissjonijiet lokali bħalma huma t-traffiku, il-pompi tal-petrol, eċċ.; postijiet arjużi fejn jistgħu jitkejlu livelli mħallta sew; postijiet bħalma huma żoni residenzjali u kummerċjali tal-ibliet, parks (lil hinn mis-siġar), toroq kbar jew pjazez bi ftit li xejn jew xejn traffiku, żoni miftuħa karatteristiċi tal-faċilitajiet edukattivi, sportivi jew rikreattivi |
| Suburban | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex tiġi valutata l-espożizzjoni tal-popolazzjoni u l-veġetazzjoni li jinsabu fil-periferija tal-agglomerazzjoni, fejn ikun hemm l-ogħla livelli ta' ożonu li għalihom huma mistennija li | Xi għexieren ta' $km^2$ | F'ċerta distanza miż-żona ta' emissjonijiet massimi, bir-riħ minn wara fid-direzzjoni/jiet tar-riħ prinċipali waqt kondizzjonijiet li jiffavorixxu l-formazzjoni tal-ożonu; fejn il-popolazzjoni, uċuħ tar-raba sensittivi jew ekosistemi naturali li jinsabu fil-periferija ta' barra tal-agglomerazzjoni jkunu esposti għal livelli |

[22] Il-punti ta' kampjunament għandhom, fejn ikun possibbli, ikunu rappreżentattivi ta' postijiet simili mhux qribhom eżatt.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | jkunu esposti l-aktar il-popolazzjoni u l-veġetazzjoni, direttament jew indirettament | | għolja ta' ożonu;<br>fejn ikun il-każ, xi stazzjonijiet suburbani wkoll fid-direzzjoni favur ir-riħ taż-żona tal-emissjonijiet massimi, sabiex jiġu determinati l-livelli ta' ożonu fl-isfond tar-reġjun |
| Rurali | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni:<br>sabiex tiġi valutata l-espożizzjoni tal-popolazzjoni, l-uċuħ tar-raba u l-ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala subreġjonali | Livelli subreġjonali<br>(xi mijiet ta' $km^2$) | L-istazzjonijiet jistgħu jkunu f'irħula żgħar/jew żoni b'ekosistemi naturali, foresti jew uċuħ tar-raba;<br>rappreżentattivi tal-ożonu lil hinn mill-influwenza ta' emissjonijiet lokali immedjati bħalma huma dawk minn installazzjonijiet industrijali u toroq;<br>f'siti miftuħa, iżda mhux fuq il-qċaċet ta' muntanji ogħla |
| Sfond rurali | Il-protezzjoni tal-veġetazzjoni u s-saħħa tal-bniedem:<br>sabiex tiġi valutata l-espożizzjoni ta' uċuħ tar-raba u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu kif ukoll l-espożizzjoni tal-popolazzjoni | Livelli reġjonali/nazzjonali/kontinentali<br>(1 000 sa 10 000 $km^2$) | L-istazzjon jinsab f'żoni b'densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, eż. b'ekosistemi naturali, foresti, f'distanza ta' mill-anqas 20 km minn żoni urbani u industrijali u lil hinn minn emissjonijiet lokali;<br>għandhom jiġu evitati postijiet li huma soġġetti għall-formazzjoni miżjuda lokalment ta' kondizzjonijiet ta' inverżjoni qrib l-art, kif ukoll il-qċaċet ta' muntanji ogħla;<br>mhumiex rakkomandati siti mal-kosta b'ċikli tal-irjieħ matul il-jum ta' karattru lokali. |

Fir-rigward ta' stazzjonijiet rurali u dawk tal-isfond rurali, il-post għandu, fejn ikun il-każ, ikun koordinat mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li jirrigwardja monitoraġġ ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali tal-Komunità[23].

## B. GĦAŻLA TAS-SIT FUQ SKALA MIKRO

Safejn ikun prattikabbli, għandha tiġi segwita l-proċedura dwar l-għażla ta' sit fuq skala mikro kif stipulata fit-Taqsima Ċ tal-Anness III, u jkun żgurat ukoll li s-sonda tad-dħul titqiegħed lil hinn sew minn sorsi bħalma huma l-ifran u ċ-ċmieni tal-inċinerazzjoni u aktar minn 10 m lil hinn mill-eqreb triq, u d-distanza għandha tikber proporzjonalment mal-intensità tat-traffiku.

## C. DOKUMENTAZZJONI U REVIŻJONI TAL-GĦAŻLA TAS-SITI

Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri tat-Taqsima D tal-Anness III, billi jiġu applikati kontrolli u interpretazzjoni adatti tad-*data* ta' monitoraġġ fil-kuntest tal-proċessi meteoroloġiċi u fotokimiċi li jaffettwaw il-konċentrazzjonijiet tal-ożonu mkejla fis-siti rispettivi.

---

[23] ĠU L 334, 30.11.2006, p. 1.

🡻 2008/50/KE

# ANNESS IX

## Kriterji għad-determinazzjoni tan-numru minimu ta’ punti ta’ kampjunament għall-kejl fiss tal-konċentrazzjonijiet tal-ożonu

🡻 2015/1480 Art. 2 u Anness II.4

### A. NUMRU MINIMU TA’ PUNTI TA’ ĠBIR TA’ KAMPJUNI GĦALL-KEJL FISS TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET TAL-OŻONU

In-numru minimu tal-punti ta’ ġbir ta’ kampjuni għall-kejl fiss kontinwu biex tiġi valutata l-konformità mal-valuri fil-mira, l-objettivi għall-perjodu fit-tul u l-informazzjoni u l-limiti minimi ta’ allerta fejn tali kejl huwa s-sors uniku ta’ informazzjoni.

| Popolazzjoni (× 1000) | Agglomerazzjoni[24] | Żoni oħra[25] | Sfond rurali |
|---|---|---|---|
| < 250 | | 1 | Stazzjon wieħed/50 000 km$^2$ bħala densità medja għaż-żoni kollha għal kull pajjiż[26] |
| < 500 | 1 | 2 | |
| < 1000 | 2 | 2 | |
| < 1500 | 3 | 3 | |
| < 2000 | 3 | 4 | |
| < 2750 | 4 | 5 | |
| < 3750 | 5 | 6 | |
| > 3750 | Stazzjon addizzjonali kull żewġ (2) miljun abitant | Stazzjon addizzjonali kull żewġ (2) miljun abitant | |

24 Mill-inqas stazzjon wieħed (1) f’żoni fejn l-espożizzjoni tal-popolazzjoni għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu hija probabbli li sseħħ. Fl-agglomerazzjonijiet, mill-anqas 50 % tal-istazzjonijiet għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

25 Mill-inqas stazzjon wieħed (1) f’żoni fejn l-espożizzjoni tal-popolazzjoni għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu hija probabbli li sseħħ. Fl-agglomerazzjonijiet, mill-anqas 50 % tal-istazzjonijiet għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

26 Huwa rrakkomandat li jkun hemm stazzjon wieħed (1) għal kull 25 000 km$^2$ għal terran kompless.

🡻 2008/50/KE

**B. ~~IN-NUMRU MINIMU TAL-PUNTI TA' KAMPJUNAMENT GĦALL-KEJL FISS GĦAL ŻONI U AGGLOMERAZZJONIJIET SABIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI GĦALL-PERJODU FIT-TUL~~**

~~In-numru ta' punti ta' kampjunament għall-ożonu għandhom, flimkien ma' mezzi oħra ta' valutazzjoni supplimentari bħall-mudelli tal-kwalità tal-arja u l-kejl kollokat tad-diossidu tan-nitroġenu, ikunu biżżejjed għall-eżami tat-tendenza tat-tniġġis tal-ożonu u l-verifika tal-konformità mal-objettivi għall-perjodu fit-tul. In-numru ta' stazzjonijiet li jinsabu fl-agglomerazzjonijiet u ż-żoni l-oħra jistgħu jitnaqqsu għal terz tan-numru speċifikat fit-Taqsima A. Fejn l-informazzjoni minn stazzjonijiet għall-kejl fiss tkun is-sors waħdieni tal-informazzjoni, għandu jinżamm tal-anqas stazzjon wieħed ta' monitoraġġ. Jekk, f'żoni fejn issir valutazzjoni supplimentari, ir-riżultat ta' dan ikun li żona ma jkun jibqagħalha l-ebda stazzjon, il-koordinazzjoni man-numru ta' stazzjonijiet fiż-żoni ġirien għandha tiżgura valutazzjoni adegwata tal-konċentrazzjonijiet tal-ożonu fir-rigward tal-objettivi għall-perjodu fit-tul. In-numru ta' stazzjonijiet għall-isfond rurali għandu jkun ta' 1 kull 100 000 km².~~

▼ 2008/50

# ANNESS X

## KEJL TA' SUSTANZI PREKURSURI TAL-OŻONU

### A. OBJETTIVI

L-objettivi prinċipali ta' tali kejl huma li tiġi analizzata kwalunkwe xejra tal-prekursuri tal-ożonu, li tiġi kontrollata l-effiċjenza tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li tiġi kontrollata l-konsistenza tal-inventarji tal-emissjonijiet u sabiex tgħin sabiex ikunu attribwiti s-sorsi tal-emissjoni għall-konċentrazzjonijiet osservati ta' tniġġis.

Għan ieħor huwa li jiġi sostnut l-apprezzament tal-formazzjoni tal-ożonu u l-proċessi tad-dispersjoni tal-prekursuri, kif ukoll l-applikazzjoni ta' mudelli fotokimiċi.

### B. SUSTANZI

Il-kejl tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu għandu jinkludi tal-anqas l-ossidi tan-nitroġenu (NO u $NO_2$), u l-komposti organiċi volatili (VOC) adatti. Lista ta' komposti organiċi volatili rakkomandati għall-kejl tingħata hawn taħt:

| | 1-Butene | Isoprene | Etil benżina |
|---|---|---|---|
| Etanu | Trans-2-Butene | n-Hexane | m + p-Xylene |
| Etilene | cis-2-Butene | i-Hexane | o-Xylene |
| Aċitilena | 1.3-Butadiene | n-Heptane | 1,2,4-Trimethylebenżina |
| Propan | n-Pentane | n-Octane | 1,2,3-Trimethylebenżina |
| Propen | i-Pentane | i-Octane | 1,3,5-Trimethylebenżina |
| n-Butane | 1-Pentene | Benżina | Formaldeid |
| i-Butane | 2-Pentene | Toluene | Total ta' idrocarboni mhux tal-metanu |

### C. GĦAŻLA TAS-SIT

B'mod partikolari l-kejl għandu jittieħed f'żoni urbani jew suburbani fi kwalunkwe post mnejn isir il-monitoraġġ stabbilit skond ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u kunsidrat adegwat fir-rigward tal-objettivi tal-monitoraġġ imsemmija fit-Taqsima A.

↓ 2008/50

# ANNESS XI

## VALURI TA' LIMITU GĦALL-PROTEZZJONI TAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM

### A. KRITERJI

Bla ħsara għall-Anness I, il-kriterji li ġejjin għandhom jintużaw sabiex tiġi vverifikata l-validità meta tinġabar id-data flimkien u jiġu kalkolati l-parametri statistiċi:

| Parametru | Proporzjon ta' *data* valida meħtieġ |
|---|---|
| Valuri fuq siegħa | 75 % (i.e. 45 minuta) |
| Valuri fuq 8 sigħat | 75 % tal-valuri (i.e. 6 sigħat) |
| Medja massima kuljum fuq ta' 8 sigħat | 75 % tal-medji għal kull siegħa fuq 8 sigħat (jiġifieri. 18-medja ta' kuljum fuq 8 sigħat) |
| Valuri fuq 24 siegħa | 75 % tal-medji ta' kull siegħa (jiġifieri. mhux inqas minn valuri ta' 18-il siegħa) |
| Medja annwali | 90 %[27] tal-valuri ta' kull siegħa jew (jekk mhux disponibbli) valuri ta' 24 siegħa matul sena. |

### B. VALURI TA' LIMITU

| Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur ta' limitu | Marġini ta' tolleranza | Data sa meta jrid jintlaħaq il-valur ta' limitu |
|---|---|---|---|
| Dijossidu tal-kubrit | | | |
| Siegħa | 350 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 24-il darba kull sena kalendarja | 150 µg/m³ (43 %) | —[28] |
| Jum | 125 µg/m³, li ma għandux jinqabeż aktar minn 3-il | Xejn | —[29] |

27 Il-ħtieġa għall-kalkolu tal-medja annwali ma jinkludux it-telf ta' *data* minħabba l-kalibrazzjoni regolari jew il-manteniment normali tal-istrumentazzjoni.

28 Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005.

29 Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | darba kull sena kalendarja | | |
| Dijossidu tan-nitroġenu | | | |
| Siegħa | 200 µg/m$^3$, li ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba kull sena kalendarja | 50 % fid- 19 ta' Lulju 1999, li jonqos f1- 1 ta' Jannar 2001 u kull 12-il xahar ta' wara b'perċentwali annwali ndaqs sakemm jinżel għal 0 % sa l- 1 ta' Jannar 2010 | L-1 ta' Jannar 2010 |
| Sena kalendarja | 40 µg/m$^3$ | 50 % fid- 19 ta' Lulju 1999, li jonqos f1- 1 ta' Jannar 2001 u kull 12-il xahar ta' wara b'perċentwali annwali ndaqs sakemm jinżel għal 0 % sa l- 1 ta' Jannar 2010 | L-1 ta' Jannar 2010 |
| Benżina | | | |
| Sena kalendarja | 5 µg/m$^3$ | 5 µg/m$^3$ (100 %) fit-13 ta' Diċembru 2000, li jonqos fl-1 ta' Jannar 2006 u kull 12-il xahar ta' wara b'1 µg/m$^3$ sakemm jinżel għal 0 % sal-1 ta' Jannar 2010 | L-1 ta' Jannar 2010 |
| Monossidu tal-karbonju | | | |
| Il-medja massima kuljum fuq medda ta' 8 sigħat[30] | 10 mg/m$^3$ | 60 % | —[31] |
| Ċomb | | | |
| Sena | 0,5 µg/m$^3$[32] | 100 % | —[33] |

[30] Il-konċentrazzjoni medja massima kuljum fuq medda ta' 8 sigħat tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji fuq 8 sigħat, kalkolati minn *data* għal kull siegħa u aġġornati kull siegħa. Kull medja fuq 8 sigħat kalkolata b'dan il-mod tiġi assenjata għall-jum meta tispiċċa jiġifieri l-ewwel perijodu ta' kalkolu għal kwalunkwe jum ikun il-perijodu mill-17:00 tal-jum ta' qabel sas-01:00 ta' dakinhar; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe jum ikun il-perjodu mill-16:00 sa 24:00 ta' dakinhar.

[31] Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005.

[32] Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005. Valur tal-limitu li għandu jintlaħaq biss sal-1 ta' Jannar 2010 fil-viċinat immedjat tas-sorsi industrijali speċifiċi li jinsabu f'siti kontaminati b'deċenni ta' attivitajiet industrijali. F'tali każijiet, il-valur tal-limitu sa l-1 ta' Jannar 2010 ser ikun 1,0 µg/m$^3$. Il-qasam li fih japplikaw valuri ta' limiti ogħla m'għandux jestendi aktar minn 1000 m minn tali sorsi speċifiċi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| kalendarja | | | |
| $PM_{10}$ | | | |
| Jum | 50 µg/m$^3$, li ma għandux jinqabeż aktar minn 35-il darba kull sena kalendarja | 50 % | —[34] |
| Sena kalendarja | 40 µg/m$^3$ | 20 % | —[35] |

33 Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005. Valur tal-limitu li għandu jintlaħaq biss sal-1 ta' Jannar 2010 fil-viċinat immedjat tas-sorsi industrijali speċifiċi li jinsabu f'siti kontaminati b'deċenni ta' attivitajiet industrijali. F'tali każijiet, il-valur tal-limitu sa l-1 ta' Jannar 2010 ser ikun 1,0 µg/m$^3$. Il-qasam li fih japplikaw valuri ta' limiti ogħla m'għandux jestendi aktar minn 1000 m minn tali sorsi speċifiċi.

34 Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005.

35 Fis-seħħ mill- 1 ta' Jannar 2005.

⬇ 2008/50/KE

# ~~ANNESS XII~~

## ~~INFORMAZZJONI U LIMITI TA' ALLERT~~

### ~~A. LIMITI TA' ALLERT GĦAL SUSTANZI LI JNIĠĠSU DIVERSI MILL-OŻONU~~

~~Għandhom jitkejlu fuq medda ta' tliet sigħat konsekuttivi f'postijiet li jirrappreżentaw il-kwalità tal-arja fuq medda ta' madwar 100 $km^2$ jew żona jew agglomerazzjoni sħiħa, skont liema tkun l-iżgħar.~~

| ~~Sustanza niġġiesa~~ | ~~Limitu ta' allert~~ |
|---|---|
| ~~Dijossidu tal-kubrit~~ | ~~500 µg/$m^3$~~ |
| ~~Dijossidu tan-nitroġenu~~ | ~~400 µg/$m^3$~~ |

### ~~B. LIMITI TA' INFORMAZZJONI U TA' ALLERT GĦALL-OŻONU~~

| ~~Fini~~ | ~~Perjodu li fuqu tinħadem il-medja~~ | ~~Limitu~~ |
|---|---|---|
| ~~Informazzjoni~~ | ~~Siegħa~~ | ~~180 µg/$m^3$~~ |
| ~~Twissija~~ | ~~Siegħa~~[36] | ~~240 µg/$m^3$~~ |

36 ~~Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 24, il-qabża tal-limitu massimu li għandu jitkejjel jew jiġi previst għal tliet sigħat konsekuttivi.~~

↓ 2008/50

# ~~ANNESS XIII~~

## ~~LIVELLI KRITIĊI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-VEĠETAZZJONI~~

| ~~Perjodu li fuqu tinħadem il-medja~~ | ~~Livell kritiku~~ | ~~Marġini ta' tolleranza~~ |
|---|---|---|
| ~~Dijossidu tal-kubrit~~ | | |
| ~~Sena kalendarja u x-xitwa (mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu)~~ | ~~20 µg/m³~~ | ~~Xejn~~ |
| ~~Ossidi tan-nitroġenu~~ | | |
| ~~Sena kalendarja~~ | ~~30 µg/m³ $NO_x$~~ | ~~Xejn~~ |

↓ 2008/50/KE

## ANNESS XIV

## MIRA NAZZJONALI TA' TNAQQIS TAL-ESPOŻIZZJONI, VALUR IMMIRAT U VALUR TA' LIMITU GĦAL PM2,5 A

### A. INDIKATUR TAL-ESPOŻIZZJONI MEDJA

L-Indikatur tal-Espożizzjoni medja mogħti bħala µg/m$^3$ (AEI) għandu jkun ibbażat fuq kejl meħud f'ambjenti bi sfond urban f'żoni u agglomerazzjonijiet madwar it-territorju kollu tal-Istat Membru. Dan għandu jkun ivvalutat bħala l-medja għall-punti kollha stabbiliti skond it-Taqsima B tal-Anness V għall-kampjunament sabiex jitkejjel il-punt intermedju annwali tal-konċentrazzjoni meħuda fuq medda ta' 3 snin kalendarji. L-AEI għas-sena ta' referenza 2010 għandu jkun il-punt intermedju tal-konċentrazzjoni tas-snin 2008, 2009 u 2010.

Madankollu, meta d-*data* għat-2008 ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punt intermedju tal-konċentrazzjoni għas-snin 2009 u 2010 jew il-punt intermedju tal-konċentrazzjoni għas-snin 2009, 2010 u 2011. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn dawn il-possibbiltajiet għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni sal-11 ta' Settembru 2008.

L-AEI għas-sena 2020 għandu jkun il-punt intermedju tal-konċentrazzjoni fuq medda ta' 3 snin meħud minn dawk il-punti kollha ta' kampjunament għas-snin 2018, 2019 u 2020. L-AEI huwa użat għall-eżami dwar jekk jintlaħaqx l-objettiv tat-tnaqqis tal-espożizzjoni nazzjonali.

L-AEI għas-sena 2015 għandu jkun il-punt intermedju tal-konċentrazzjoni fuq medda ta' 3 snin meħud minn dawk il-punti kollha ta' kampjunament għas-snin 2013, 2014 u 2015. L-AEI huwa użat għall-eżami dwar jekk jintlaħaqx l-obbligu tal-konċentrazzjoni tal-espożizzjoni.

### B. MIRA NAZZJONALI TA' TNAQQIS TAL-ESPOŻIZZJONI

| Il-mira għat-tnaqqis tal-esponiment li għandu jkun hemm fir-rigward tal-AEI fl-2010 (%) | | Id-data sa meta għandha tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-esponiment |
|---|---|---|
| Konċentrazzjoni inizjali f'µg/m$^3$ | Mira tat-tnaqqis f'persentaġġ | 2020 |
| < 8,5 = 8,5 | 0 % | |
| > 8,5 — < 13 | 10 % | |
| = 13 — < 18 | 15 % | |
| = 18 — < 22 | 20 % | |
| ≥ 22 | Il-miżuri xierqa kollha li jridu jilħqu 18 µg/m$^3$ | |

Fejn l-AEI fis-sena ta' referenza ikun 8,5 µg/m$^3$ jew anqas, il-mira għat-tnaqqis tal-espożizzjoni għandha tkun żero. It-tnaqqis immirat għandu jkun żero anke f'każijiet fejn l-

~~AEI jilħaq il-livell ta' 8,5 µg/m³ fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu mill-2010 sa l-2020 u jinżamm f'dak il-livell jew inqas.~~

## ~~C. L-OBBLIGU TAL-KONĊENTRAZZJONI TAL-ESPOŻIZZJONI~~

| ~~L-obbligu tal-konċentrazzjoni tal-espożizzjoni~~ | ~~Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur tal-obbligu~~ |
|---|---|
| ~~20 µg/m³~~ | ~~2015~~ |

## ~~D. VALUR IMMIRAT~~

| ~~Perjodu li fuqu tinħadem il-medja~~ | ~~Valur immirat~~ | ~~Data sa meta jrid jintlaħaq il-valur immirat~~ |
|---|---|---|
| ~~Sena kalendarja~~ | ~~25 µg/m³~~ | ~~L-1 ta' Jannar 2010~~ |

## ~~E. VALUR TA' LIMITU~~

| ~~Perjodu li fuqu tinħadem il-medja~~ | ~~Valur tal-limitu~~ | ~~Marġini ta' tolleranza~~ | ~~Data sa meta jrid jintlaħaq il-valur ta' limitu~~ |
|---|---|---|---|
| ~~STADJU 1~~ | | | |
| ~~Sena kalendarja~~ | ~~25 µg/m³~~ | ~~20 % fil-11 ta' Ġunju 2008, li jonqos fl-1 ta' Jannar u kull 12-il xahar ta' wara b'perċentwali annwali ndaqs sakemm jinżel għal 0 % sa l-1 ta' Jannar 2015~~ | ~~fl-1 ta' Jannar 2015.~~ |
| ~~STADJU 2[37]~~ | | | |
| ~~Sena kalendarja~~ | ~~20 µg/m³~~ | | ~~L-1 ta' Jannar 2020~~ |

[37] ~~Stadju 2 — valur ta' limitu indikattiv li jrid jiġi rivedut mill-Kummissjoni fl-2013 fid-dawl ta' iżjed informazzjoni dwar l-effetti ambjentali u fuq is-saħħa, il-fattibilità teknika u l-esperjenza tal-valur tal-mira fl-Istati Membri.~~

↓ 2008/50

# ~~ANNESS XV~~

**~~Informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-pjanijiet lokali, reġjonali jew nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja jew għal titjib fil-kwalità tal-arja tal-ambjent~~**

**~~A. INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA SKONT L-ARTIKOLU 23 (PJANIJIET DWAR IL-KWALITÀ TAL-ARJA)~~**

**~~1. Lokalizzazzjoni ta' tniġġis żejjed~~**

~~(a) reġjun;~~

~~(b) belt (mappa);~~

~~(c) stazzjon tal-kejl (mappa, koordinati ġeografiċi).~~

**~~2. Informazzjoni ġenerali:~~**

~~(a) ix-xorta ta' żona (belt, żona industrijal jew rurali);~~

~~(b) stima taż-żona inkwinata (km$^2$) u tal-popolazzjoni esposta għat-tniġġis;~~

~~(c) *data* utli tal-klima;~~

~~(d) *data* rilevanti dwar it-topografija;~~

~~(e) informazzjoni suffiċjenti dwar ix-xorta ta' miri li jeħtieġu protezzjoni fiż-żona.~~

**~~3. Awtoritajiet responsabbli~~**

~~Ismijiet u indirizzi ta' persuni responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' titjib.~~

**~~4. Natura u valutazzjoni ta' tniġġis:~~**

~~(a) konċentrazzjonijiet osservati matul is-snin ta' qabel (qabel l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' titjib);~~

~~(b) konċentrazzjonijiet imkejla mill-bidu tal-proġett;~~

~~(c) metodi tekniċi użati għall-valutazzjoni.~~

**~~5. Oriġini ta' tniġġis~~**

~~(a) elenku tas-sorsi prinċipali ta' emissjonijiet responsabbli għat-tniġġis (mappa);~~

~~(b) kwantità totali ta' emissjonijiet minn dawn is-sorsi (tunnellati metriċi/sena);~~

~~(c) informazzjoni dwar tniġġis impurtat minn reġjuni oħra.~~

**~~6. Analiżi tas-sitwazzjoni~~**

~~(a) dettalji ta' dawk il-fatturi responsabbli għall-qabża (eż. it-trasport, inkluż it-trasport minn pajjiż għall-ieħor, il-formazzjoni ta' sustanzi li jniġġsu sekondarji fl-atmosfera);~~

~~(b) dettalji tal-miżuri li jistgħu jittieħdu għat-titjib tal-kwalità tal-arja.~~

**~~7. Dettalji ta' dawk il-miżuri jew proġetti għat-titjib li kienu jeżistu qabel il-11 ta' Ġunju 2008, jiġifieri:~~**

~~(a) miżuri lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali;~~

(b) l-effetti osservati ta' dawn il-miżuri.

**8. Dettalji ta' dawk il-miżuri jew proġetti adottati bil-ħsieb li jitnaqqas it-tniġġis wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:**

(a) elenku u deskrizzjoni tal-miżuri kollha stipulati fil-proġett;

(b) skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni;

(c) (ċ) stima tat-titjib tal-kwalità tal-arja pjanat u taż-żmien mistenni li jkun meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

**9. Dettalji tal-miżuri jew proġetti pjanati jew li qegħdin jiġu mistħarrġa għall-perjodu fit-tul.**

**10. Lista tal-pubblikazzjonijiet, id-dokumenti, ix-xogħol, eċċ., użati sabiex jissupplimentaw l-informazzjoni mitluba taħt dan l-Anness.**

**B. INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA TAĦT L-ARTIKOLU 22(1)**

1. L-informazzjoni kollha kif esposta fit-Taqsima A.

2. L-informazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tad-Direttivi li ġejjin:

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur[38];

2. Id-Direttiva 94/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOC) li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminali għall-istazzjonijiet tas-servizz[39];

3. Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis[40];

4. Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar miżuri kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu taħt forma ta' gass u ta' partikuli, minn magni tal-kombustjoni interna maħsuba sabiex ikunu installati f'makkinarji mobbli mhux għat-triq[41];

5. Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-dijżil[42];

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komponenti organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u installazzjonijiet[43];

---

38 ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

39 ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

40 ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

41 ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.

42 ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

43 ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87).

7. Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċertu karburanti likwidi[44];

8. Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart[45];

9. Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni;

10. Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu atmosferiċi;

11. Id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komponenti organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerta żebgħa u verniċ u prodotti sabiex jingħata l-verniċ mill-ġdid lill-vetturi[46];

12. Id-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li temenda d-Direttiva 1999/32/KE dwar il-kontenut tal-kubrit fil-karburanti marittimi[47];

13. Id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi[48];

14. Id-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija[49].

3. Informazzjoni dwar il-miżuri kollha possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li kienu kunsidrati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali adegwat għall-implimentazzjoni f'konnessjoni mal-kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja, inkluż:

(a) tnaqqis ta' emissjonijiet minn sorsi stazzjonarji billi jiġi żgurat li s-sorsi ta' kombustjoni stazzjonarji tas-sustanzi li jniġġsu li għandhom daqs żgħir jew medju (inklużi għall-bijomassa) jitwaħħlilhom tagħmir għall-kontroll tal-emissjonijiet jew jinbidlu;

(b) tnaqqis ta' emissjonijiet mill-vetturi billi jiġu mmodifikati b'tagħmir għall-kontroll tal-emissjonijet. Għandu jiġi kunsidrat l-użu ta' inċentivi ekonomiċi sabiex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni;

---

44 ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 59).

45 ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.

46 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

47 ĠU L 191, 22.7.2005, p. 59.

48 ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 715/2007 (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

49 ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

~~(c) akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi, b'mod konformi mal-manwal dwar l-akkwist pubbliku favur l-ambjent ta' vetturi tat-triq, karburant u tagħmir tal-kombustjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet, inkluż ix-xiri ta':~~

~~– vetturi ġodda, inklużi vetturi b'emissjoni baxxa,~~

~~– servizzi ta' trasport b'vetturi li jħammġu anqas,~~

~~– sorsi ta' kombustjoni stazzjonarji b'emissjoni baxxa,~~

~~– karburanti b'emissjonijiet baxxi għal sorsi stazzjonarji u mobbli;~~

~~(d) miżuri sabiex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar u l-immaniġġar tat-traffiku (inkluż tariffi marbuta mal-konġestjoni, ħlasijiet differenti għall-ipparkjar jew inċentivi ekonomiċi oħra; li jistabbilixxu "żoni b'emissjonijiet baxxi");~~

~~(e) miżuri sabiex tiġi inkoraġġuta bidla fit-trasport għal modi li jniġġsu anqas;~~

~~(f) li jiġi żgurat li jintużaw karburanti b'emissjonijiet baxxi f'sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;~~

~~(g) miżuri sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja permezz tas-sistema tal-permessi taħt id-Direttiva 2008/1/KE, il-pjanijiet nazzjonali taħt id-Direttiva 2001/80/KE, u permezz tal-użu ta' strumenti ekonomiċi bħalma huma t-taxxi, il-piżijiet jew l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet.~~

~~(h) fejn hu xieraq, miżuri li jipproteġu s-saħħa tat-tfal jew ta' gruppi sensittivi oħra.~~

➔ 2008/50/KE

# ANNESS XVI

## INFORMAZZJONI PUBBLIKA

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-ambjent kif kopert b'din d-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq bażi regolari.

2. Il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent mogħtija għandhom jiġu ppreżentati bħala valuri medji skont il-perjodu adegwat li fuqu jinħadmu l-medji kif stipulat fl-Anness VII u l-Annessi XI sa XIV. L-informazzjoni għandha għall-anqas tindika kwalunkwe livell li jaqbeż l-objettivi dwar il-kwalità tal-arja inklużi l-valuri ta' limitu, il-valuri mmirati, il-limiti ta' allert, il-limiti ta' informazzjoni jew l-objettivi għall-perjodu fit-tul fir-rigward tas-sustanzi li jniġġsu regolati. L-informazzjoni għandha tagħti wkoll valutazzjoni qasira fir-rigward tal-objettivi dwar il-kwalità tal-arja u informazzjoni adegwata dwar l-effetti fuq is-saħħa, jew, fejn ikun il-każ, il-veġetazzjoni.

3. L-informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent tad-dijossidu tal-kubrit, id-dijossidu tan-nitroġenu, materja ta' partikuli (mhux inqas minn $PM_{10}$), l-ożonu u l-monossidu tal-karbonju għandha tiġi aġġornata tal-anqas kuljum, u, kulfejn ikun prattikabli, l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata kull siegħa. L-informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet taċ-ċomb u l-benżina fl-ambjent, espressi bħala l-valur medju għall-aħħar 12-il xahar, għandha tiġi aġġornata kull tliet xhur, u kull xahar, kulfejn ikun prattikabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata lill-pubbliku informazzjoni f'waqtha dwar qabżiet attwali jew imbassra tal-limiti ta' allert, u kwalunkwe limitu ta' informazzjoni. Id-dettalji mogħtija għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar xi qabża/qabżiet osservati:

– il-post jew iż-żona tal-qabża,

– it-tip ta' livell maqbuż (ta' informazzjoni jew ta' allert),

– meta bdiet l-qabża u kemm damet,

– l-ogħla konċentrazzjoni f'siegħa u, barra minn hekk, l-ogħla medja tal-konċentrazzjoni fuq medda ta' tmien sigħat fil-każ tal-ożonu;

(b) tbassir għal filgħaxija/filgħaxijiet jew jum/jiem li ġejjin:

– iż-żona ġeografika tal-qabżiet mistennija tal-livell limitu ta' informazzjoni u/jew ta' allert,

– il-bidla mistennija fit-tniġġis (titjib, stabbilizzazzjoni jew deterjorazzjoni), flimkien mar-raġunijiet għal dawn il-bidliet;

(c) informazzjoni dwar it-tip ta' popolazzjoni konċernata, l-effetti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa u l-imġiba rrakkomandata:

– informazzjoni dwar il-gruppi mill-popolazzjoni li jinsabu f'riskju,

– deskrizzjoni tas-sintomi li jista' jkun hemm,

– prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu mill-popolazzjoni konċernata,

– fejn tista' tinstab aktar informazzjoni;

~~(d) informazzjoni dwar azzjoni preventiva sabiex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-espożizzjoni għalih: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi prinċipali; rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;~~

~~(e) fil-każ ta' qabżiet imbassra, l-Istat Membru għandu jieħu passi biex jiżgura li tali dettalji jingħataw sal-punt prattikabbli.~~

↓ 2008/50 (adattat)

# ANNESS XVII

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Din id-Direttiva | Id-Direttiva 96/62/KE | Id-Direttiva 1999/30/KE | Id-Direttiva 2000/69/KE | Id-Direttiva 2002/3/KE |
|---|---|---|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 | Artikolu 1 | Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(1) sa (5) | Artikolu 2(1) sa (5) | — | — | — |
| Artikolu 2(6) u (7) | — | — | — | — |
| Artikolu 2(8) | Artikolu 2(8) | Artikolu 2(7) | — | — |
| Artikolu 2(9) | Artikolu 2(6) | — | — | Artikolu 2(9) |
| Artikolu 2(10) | Artikolu 2(7) | Artikolu 2(6) | — | Artikolu 2(11) |
| Artikolu 2(11) | — | — | — | Artikolu 2(12) |
| Artikolu 2(12) u (13) | — | Artikolu 2(13) u (14) | Artikolu 2(a) u (b) | — |
| Artikolu 2(14) | — | — | — | Artikolu 2(10) |
| Artikolu 2(15) u (16) | Artikolu 2(9) u (10) | Artikolu 2(8) u (9) | — | Artikolu 2(7) u (8) |
| Artikolu 2(17) u (18) | — | Artikolu 2(11) u (12) | — | — |
| Artikolu 2(19), (20), (21), (22) u (23) | — | — | — | — |
| Artikolu 2(24) | — | Artikolu 2(10) | — | — |
| Artikolu 2(25) u (26) | Artikolu 6(5) | — | — | — |
| Artikolu 2(27) | — | — | — | Artikolu 2(13) |
| Artikolu 2(28) | — | — | — | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 3, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu (1)(f) | Artikolu 3 | — | — | — |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~Artikolu 3(1)(f)~~ | — | — | — | — |
| ~~Artikolu 4~~ | ~~Artikolu 2(9) u (10), Artikolu 6(1)~~ | — | — | — |
| ~~Artikolu 5~~ | — | ~~Artikolu 7(1)~~ | ~~Artikolu 5(1)~~ | — |
| ~~Artikolu 6(1) sa (4)~~ | ~~Artikolu 6(1) sa (4)~~ | — | — | — |
| ~~Artikolu 6(5)~~ | — | — | — | — |
| ~~Artikolu 7~~ | — | ~~Artikolu 7(2) u (3) bl-emendi~~ | ~~Artikolu 5(2) u (3) bl-emendi~~ | — |
| ~~Artikolu 8~~ | — | ~~Artikolu 7(5)~~ | ~~Artikolu 5(5)~~ | — |
| ~~Artikolu 9~~ | — | — | — | ~~Artikolu 9(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi~~ |
| ~~Artikolu 10~~ | — | — | — | ~~Artikolu 9(1) sa (3) bl-emendi~~ |
| ~~Artikolu 11(1)~~ | — | — | — | ~~Artikolu 9(4)~~ |
| ~~Artikolu 11(2)~~ | — | — | — | — |
| ~~Artikolu 12~~ | ~~Artikolu 9~~ | — | — | — |
| ~~Artikolu 13(1)~~ | — | ~~Artikoli 3(1), 4(1), 5(1) u 6~~ | ~~Artikoli 3(1) u 4~~ | — |
| ~~Artikolu 13(2)~~ | — | ~~Artikoli 3(2) u 4(2)~~ | — | — |
| ~~Artikolu 13(3)~~ | — | ~~Artikolu 5(5)~~ | — | — |
| ~~Artikolu 14~~ | — | ~~Artikoli 3(1) u 4(1) bl-emendi~~ | — | — |
| ~~Artikolu 15~~ | — | — | — | — |
| ~~Artikolu 16~~ | — | — | — | — |
| ~~Artikolu 17(1)~~ | — | — | — | ~~Artikoli 3(1) u 4(1)~~ |
| ~~Artikolu 17(2)~~ | — | — | — | ~~Artikolu 3(2) u~~ |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (3) |
| Artikolu 17(3) | — | — | — | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 18 | — | — | — | Artikolu 5 |
| Artikolu 19 | Artikolu 10 bl-emendi | Artikolu 8(3) | — | Artikolu 6 bl-emendi |
| Artikolu 20 | — | Artikoli 3(4) u 5(4) bl-emendi | — | — |
| Artikolu 21 | — | — | — | — |
| Artikolu 22 | — | — | — | — |
| Artikolu 23 | Artikolu 8(1) sa (4) bl-emendi | — | — | — |
| Artikolu 24 | Artikolu 7(3) bl-emendi | — | — | Artikolu 7 bl-emendi |
| Artikolu 25 | Artikolu 8(5) bl-emendi | — | — | Artikolu 8 bl-emendi |
| Artikolu 26 | — | Artikolu 8 bl-emendi | Artikolu 7 bl-emendi | Artikolu 6 bl-emendi |
| Artikolu 27 | Artikolu 11 bl-emendi | Artikolu 5(2) it-tieni subparagrafu | — | Artikolu 10 bl-emendi |
| Artikolu 28(1) | Artikolu 12(1) bl-emendi | — | — | — |
| Artikolu 28(2) | Artikolu 11 bl-emendi | — | — | — |
| Artikolu 28(3) | — | — | — | — |
| Artikolu 28(4) | — | Anness IX bl-emendi | — | — |
| Artikolu 29 | Artikolu 12(2) | — | — | — |
| Artikolu 30 | — | Artikolu 11 | Artikolu 9 | Artikolu 14 |
| Artikolu 31 | — | — | — | — |
| Artikolu 32 | — | — | — | — |
| Artikolu 33 | Artikolu 13 | Artikolu 12 | Artikolu 10 | Artikolu 15 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~Artikolu 34~~ | ~~Artikolu 14~~ | ~~Artikolu 13~~ | ~~Artikolu 11~~ | ~~Artikolu 17~~ |
| ~~Artikolu 35~~ | ~~Artikolu 15~~ | ~~Artikolu 14~~ | ~~Artikolu 12~~ | ~~Artikolu 18~~ |
| ~~Anness I~~ | — | ~~Anness VIII bl-emendi~~ | ~~Anness VI~~ | ~~Anness VII~~ |
| ~~Anness II~~ | — | ~~Anness V bl-emendi~~ | ~~Anness III~~ | — |
| ~~Anness III~~ | — | ~~Anness VI~~ | ~~Anness IV~~ | — |
| ~~Anness IV~~ | — | — | — | — |
| ~~Anness V~~ | — | ~~Anness VII bl-emendi~~ | ~~Anness V~~ | — |
| ~~Anness VI~~ | — | ~~Anness IX bl-emendi~~ | ~~Anness VII~~ | ~~Anness VIII~~ |
| ~~Anness VII~~ | — | — | — | ~~Anness I, Anness III Taqsima II~~ |
| ~~Anness VIII~~ | — | — | — | ~~Anness IV~~ |
| ~~Anness IX~~ | — | — | — | ~~Anness V~~ |
| ~~Anness X~~ | — | — | — | ~~Anness VI~~ |
| ~~Anness XI~~ | — | ~~Anness I, Taqsima I, Anness II, Taqsima I u Anness III (bl-emendi); Anness IV (mhux mibdul)~~ | ~~Anness I, Anness II~~ | — |
| ~~Anness XII~~ | — | ~~Anness I, Taqsima II, Anness II, Taqsima II,~~ | — | ~~Anness II, Taqsima I~~ |
| ~~Anness XIII~~ | — | ~~Anness I, Taqsima I, Anness II, Taqsima I,~~ | — | — |
| ~~Anness XIV~~ | — | — | — | — |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~Anness XV, Taqsima A~~ | ~~Anness IV~~ | — | — | — |
| ~~Anness XV, Taqsima B~~ | — | — | — | — |
| ~~Anness XVI~~ | — | ~~Artikolu 8~~ | ~~Artikolu 7~~ | ~~Artikolu 6 bl-emendi~~ |